



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

15 ta' Frar 2023^{*i}

“Enerġija – Suq intern tal-elettriku – Qafas ta’ implimentazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b’attivazzjoni awtomatika – Proċedura ta’ adozzjoni tal-modalitajiet, tal-kundizzjonijiet u tal-metodoloġiji – Rifjut tal-proposta konġunta tal-operaturi tas-sistema – Kompetenza tal-ACER – Żball ta’ liġi – Drittijiet tad-difiża – Obbligu ta’ motivazzjoni”

Fil-Kawża T-606/20,

Austrian Power Grid AG, stabbilita fi Vjenna (l-Awstrija), u r-rikorrenti l-oħra li isimhom huwa mniżżel fl-anness¹, irrappreżentati minn M. Levitt, avukat, B. Byrne u D. Jubrail, solicitors,

rikorrenti,

vs

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolatorju tal-Enerġija (ACER), irrappreżentata minn E. Ameye, avukata, A. Tellidou u E. Tremmel, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

komposta, matul id-deliberazzjonijiet, minn S. Papasavvas, President, V. Tomljenović, P. Škvařilová-Pelzl (Relatriċi), I. Nömm u D. Kukovec, Imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-7 ta’ Ġunju 2022,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

¹ Il-lista tar-rikorrenti l-oħra hija annessa biss mal-verżjoni nnotifikata lill-partijiet.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Austrian Power Grid AG u l-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom huwa mniżżel fl-anness, jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tas-16 ta' Lulju 2020 li tikkonferma d-Deċiżjoni 02/2020 tal-ACER tal-24 ta' Jannar 2020 dwar il-qafas ta' implimentazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni awtomatika (iktar 'il quddiem il-“pjattaforma aFRR”) u li tirrifjuta l-appelli tagħhom fil-Każ A-001-2020 (konsolidat) (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerna lilhom, kif ukoll l-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 02/2020 u tal-Artikolu 3(3) u (4)(b), tal-Artikolu 4(6), tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 11(1)(c), u tal-Artikolu 12 tal-qafas ta' implimentazzjoni tal-pjattaforma aFRR, kif stipulat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 02/2020 (iktar 'il quddiem il-“metodoloġija tal-aFRR” jew l-“aFRRIF”).

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Wara d-dħul fis-seħħ, fit-18 ta' Diċembru 2017, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU 2017, L 312, p. 6), l-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni (iktar 'il quddiem it-“TSO”) fasslu, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tal-imsemmi regolament, proposta ta' metodoloġija tal-aFRR.

3 Fit-18 ta' Diċembru 2018, it-TSO, f'konformità mal-Artikolu 5(1) u (2)(a) tar-Regolament 2017/2195, bagħtu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kollha (iktar 'il quddiem l-“ARN”), għal skopijiet ta' approvazzjoni, il-proposta tagħhom ta' metodoloġija tal-aFRR (iktar 'il quddiem il-“proposta inizjali tal-aFRRIF”). L-Artikolu 12 tal-imsemmija proposta, intitolat “Proposta ta' entità”, kien jipprovdi dan li ġej:

“1. It-TSO kollha għandhom jaħtru entità inkarigata li twettaq il-funzjonijiet kollha [meħtieġa għall-operat] tal-pjattaforma aFRR.

2. L-entità għandha tkun magħmula minn konsorzju ta' TSO jew minn kumpannija proprjeta tat-TSO.”

4 Permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2019, il-President tal-Forum tar-Regolaturi tal-Enerġija (FRE), fisem l-ARN kollha, informat lill-ACER li huma kienu ddeċidew b'mod konġunt, skont l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195, li jitolbuha tiddeċiedi dwar il-proposta inizjali tal-aFRRIF (iktar 'il quddiem it-“talba konġunta”). Din l-ittra kienet akkumpanjata minn “nota informali mill-[ARN] kollha approvata mill-[FRE] dwar il-proposta [inizjali tal-aFRRIF] f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament [2017/2195]” (iktar 'il quddiem in-“nota informali tal-ARN”).

5 Fil-kuntest tal-iskambji u tal-konsultazzjonijiet li kellha mal-ANR u t-TSO sa minn Lulju 2019 'il quddiem, l-ACER qieset li l-proposta inizjali tal-aFRRIF, li kienet tipprevedi li l-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR setgħet tieħu l-forma ta' konsorzju ta' TSO, ma kinitx konformi mar-Regolament 2017/2195.

- 6 Permezz ta' messaġġ tal-posta elettronika tat-28 ta' Novembru 2019, it-TSO bagħtu lill-ACER it-tieni verżjoni tal-proposta ta' metodoloġija tal-aFRR (iktar 'il quddiem it-“tieni proposta tal-aFRRIF”). L-Artikolu 12 tat-tieni proposta tal-aFRRIF kien jipprovdi li l-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR kienet ser tkun kumpannija proprjeta' tat-TSO. F'nota ta' spjegazzjoni mehmuża ma' dan il-messaġġ tal-posta elettronika, it-TSO speċifikaw x'kien l-għan imfittex mill-imsemmi artikolu.
- 7 Wara li eżaminat it-tieni proposta tal-aFRRIF, l-ACER qieset li din ma kinitx konformi mar-Regolament 2017/2195, minħabba li din kienet tindika biss l-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issettiljar TSO-TSO, filwaqt li l-imsemmi regolament kien jirrikjedi li tiġi indikata entità inkarigata minn kull waħda mill-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, inklużi l-funzjonijiet li, bħall-ġestjoni tal-kapaċità, bħala proċess ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzjonali disponibbli għall-finijiet tal-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar, kienu funzjonijiet ta' pjattaformi multipli, sa fejn il-kapaċità tat-trażmissjoni transzjonali disponibbli kienet data li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni f'kull waħda mill-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar. Barra minn hekk, hija ssuġġeriet li t-TSO, sabiex josservaw l-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, iżommu ż-żewġ għażliet proposti għall-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, jiġifieri jew TSO wieħed, jew kumpannija proprjeta' tat-TSO.
- 8 Permezz ta' messaġġ tal-posta elettronika tat-13 ta' Diċembru 2019, it-TSO, permezz ta' membru tan-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku, bagħtu lill-ACER it-tielet verżjoni tal-proposta ta' metodoloġija tal-aFRR (iktar 'il quddiem it-“tielet proposta tal-aFRRIF”).
- 9 L-Artikolu 12 tat-tielet proposta tal-aFRRIF kien jipprovdi kif ġej:
- “[...]
2. It-TSO kollha għandhom jaħtru entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-[funzjoni ta' ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni] u l-funzjoni tal-issettiljar TSO-TSO tal-pjattaforma [aFRR]. Din l-entità għandha tkun TSO wieħed jew kumpannija proprjeta' tat-TSO.
- [...]
5. Meta t-TSO jimplementaw funzjoni ta' pjattaformi multipli, it-TSO kollha għandhom jaħtru entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-imsemmija funzjoni, li tista' tkun differenti mill-entità msemmija fil-[paragrafu] 2.
6. Fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-[metodoloġija] ta' pjattaforma Ewropea għall-iskambju ta' enerġija tal-bbilanċjar mir-riżervi ta' rimpjazzament b'attivazzjoni [manwali jew awtomatika], it-TSO kollha għandhom jaħtru l-entità proposta għall-eżekuzzjoni tal-[funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità].
- [...]”.
- 10 Permezz ta' messaġġ tal-posta elettronika tas-17 ta' Diċembru 2019 indirizzat lin-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku, l-ACER informat lit-TSO li l-emendi magħmula fl-Artikolu 12 fit-tielet proposta tal-aFRRIF kienu baqgħu mhux konformi

mar-Regolament 2017/2195. Fil-fatt, peress li, skont l-imsemmija proposta, il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR jistgħu jiġu eżegwiti minn diversi entitajiet, din il-proposta għandha tosserva r-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, li ma kienx intwera li huwa l-każ.

- 11 Permezz ta' messaġġ tal-posta elettronika tat-18 ta' Diċembru 2019 indirizzat minn membru tal-persunal tat-TSO Belġjan bi tweġiba għall-messaġġ tal-posta elettronika tal-ACER tas-17 ta' Diċembru 2019, it-TSO bagħtu lill-ACER verżjoni emendata tat-tielet proposta tal-aFRRIF (iktar 'il quddiem it-"tielet proposta emendata tal-aFRRIF"). Huma kkonfermaw li entità waħda (TSO wieħed jew kumpannija proprjetà tat-TSO) kienet ser tkun inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet speċifikament meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, jiġifieri l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, u li, fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, li kienet funzjoni ta' pjattaformi multipli, din tista' tiġi fdata lil entità unika oħra (TSO wieħed jew kumpannija proprjetà tat-TSO).
- 12 Fl-20 ta' Diċembru 2019, l-ACER fasslet verżjoni finali tal-abbozz tagħha ta' deċiżjoni dwar il-metodoloġija tal-aFRR, li ġiet ikkomunikata lir-rikorrenti.
- 13 Fl-24 ta' Jannar 2020, l-ACER adottat id-Deċiżjoni 02/2020, dwar il-metodoloġija tal-aFRR, li magħha kien hemm meħmuża, fl-Anness I, metodoloġija tal-aFRR, kif emendata u approvata minnha (iktar 'il quddiem l-"aFRRIF ikkontestat").
- 14 L-Artikolu 12 tal-aFRRIF ikkontestat jipprovdi dan li ġej:

"[...]

2. It-TSO kollha għandhom jaħtru entità, li tkun TSO jew kumpannija proprjetà tat-TSO, inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-[funzjoni ta' ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni] u l-[funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO] tal-pjattaforma aFRR. Mhux iktar tard minn tmien xhur qabel ma l-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità ssir funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR f'konformità mal-Artikolu 6(4), it-TSO kollha għandhom jiżviluppaw proposta ta' emenda tal-aFRRIF li għandha taħtar entità responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 21(3)(e) [tar-Regolament 2017/2195], u li għandha tippreċiża jekk il-pjattaforma aFRR għandhiex tiġi operata minn entità waħda jew minn diversi entitajiet.

3. Il-ħatra tal-entità għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 21(4) [tar-Regolament 2017/2195].

[...]".

- 15 Fit-23 ta' Marzu 2020, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2019, L 158, p. 22), Austrian Power Grid, ČEPS, a.s., Polskie sieci elektroenergetyczne S.A., Red Eléctrica de España SA, RTE Réseau de transport d'électricité u Svenska kraftnät (iktar 'il quddiem il-"grupp A"), ippreżentaw appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER kontra, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni 02/2020, li inizjalment kien irregiſtrat bin-numru A-001-2020. TenneT TSO BV u TenneT TSO GmbH ippreżentaw appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER kontra, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni 02/2020, li inizjalment kien irregiſtrat bin-numru A-004-2020. Sa fejn dawn il-każijiet kellhom l-istess suġġett, il-Bord tal-Appell sussegwentement ġabarhom flimkien taħt in-numru tal-Każ A-001-2020 (konsolidat).

- 16 Fl-appell tiegħu, il-grupp A, skont l-Artikolu 20(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Nru 1-2011, kif emendata fil-5 ta' Ottubru 2019, li tistabbilixxi r-regoli ta' organizzazzjoni u ta' proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER, talab lil dan tal-aħħar jordna lill-ACER sabiex tiżvela (iktar 'il quddiem it-"talba ta' żvelar"), f'forma mhux redatta, diversi dokumenti, jiġifieri, minn naħa, kopja tal-evalwazzjoni li saret mill-ACER fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament 2017/2195 u, min-naħa l-oħra, kopja tal-formoli li fihom l-opinjoni jiet ifformulati mill-Bord tar-Regolaturi tal-ACER dwar id-Deċiżjoni 02/2020 u l-metodoloġija tal-aFRR, qabel l-adozzjoni finali ta' dawn tal-aħħar mill-ACER (iktar 'il quddiem id-"dokumenti kkontestati"), u talab il-possibbiltà li jikkummenta dwar dawn id-dokumenti. Il-grupp A irrepeta din it-talba ta' żvelar f'ittra tat-28 ta' Mejju 2020.
- 17 Fit-2 ta' Ġunju 2020, ir-Reġistru tal-Bord tal-Appell ikkomunika lill-grupp A d-deċiżjoni li permezz tagħha l-President tal-imsemmi bord ċaħad it-talba tiegħu għal żvelar (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni li tiċħad it-talba ta' żvelar").
- 18 Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2020, il-Bord tal-Appell adotta d-deċiżjoni kkontestata, li tikkonferma d-Deċiżjoni 02/2020 u tiċħad l-appelli tal-appellanti fil-Każ A-001-2020 (konsolidat).

It-talbiet tal-partijiet

- 19 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tikkonċernahom;
 - tannulla l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 02/2020 kif ukoll l-Artikolu 3(3) u (4)(b), l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 6, l-Artikolu 11(1)(c) u l-Artikolu 12 tal-aFRRIF ikkontestat;
 - tikkundanna lill-ACER għall-ispejjeż.
- 20 L-ACER essenzjalment titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:
- tiċħad ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà tat-tieni kap tat-talbiet tar-rikors

- 21 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kundizzjonijiet tal-ammissibbiltà ta' rikors stabbiliti mill-Artikolu 263 TFUE jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku u għalhekk hija l-Qorti Ġenerali li għandha teżaminahom *ex officio* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, *Pebagua vs Il-Kummissjoni*, C-204/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:425, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 22 F'dan il-każ, wara li l-partijiet ġew mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward, għandha tiġi eżaminata *ex officio* l-ammissibbiltà tat-tieni kap tat-talbiet tar-rikors, li huwa intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 02/2020 u ta' diversi dispożizzjonijiet tal-aFRRIF ikkontestat.
- 23 F'dan ir-rigward, mill-premessa 34, mill-Artikolu 28(1) u mill-Artikolu 29 tar-Regolament 2019/942 kif ukoll mill-ħames paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif interpretati fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, jirriżulta li r-rikorrenti li ma humiex privileġġjati jistgħu biss iressqu azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tad-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tal-Appell (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2022, MEKH u FGSZ vs ACER, T-684/19 u T-704/19, EU:T:2022:138, punti 31 sa 42).
- 24 Fil-kuntest tal-eżami ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti, li ma għandhomx l-istatus ta' rikorrenti privileġġjati, jistgħu biss ifittxu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, adottata mill-Bord tal-Appell, iżda mhux l-annullament tad-Deċiżjoni 02/2020 u tal-annessi tagħha.
- 25 Għaldaqstant, dan il-każ għandu jkun limitat għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari sa fejn din tikkonferma kompletament id-Deċiżjoni 02/2020 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-aFRRIF ikkontestat, fid-dawl tal-motivi u tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti kif ukoll tal-motivi jew tal-ilmenti li għandhom, fejn xieraq, jiġu invokati *ex officio* fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata.

Fuq il-mertu

- 26 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi, ibbażati essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi li jirriżulta minn ksur tal-prinċipju tal-ġhoti tal-kompetenzi u tar-Regolament 2019/942 imwettaq mill-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, meta kkonstata li l-ACER setgħet, fid-Deċiżjoni 02/2020, titbiegħed, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha, mit-talba konġunta tal-ARN; it-tieni wieħed, fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, billi ma kkonstatax li l-ACER kienet kisret, permezz tad-Deċiżjoni 02/2020, l-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195; u t-tielet wieħed, fuq ksur, mill-Bord tal-Appell, matul il-proċedura quddiemu, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-obbligi legali imposti fuqu.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi li jirriżulta minn ksur tal-prinċipju tal-ġhoti tal-kompetenzi u tar-Regolament 2019/942 imwettaq mill-Bord tal-Appell meta kkonstata li l-ACER setgħet titbiegħed, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha, mit-talba konġunta tal-ARN

- 27 L-ewwel motiv jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ACER ma kinitx tbiegħdet mill-pożizzjoni komuni tal-ARN, kif stabbilita fit-talba konġunta. It-tieni parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li, fi kwalunkwe każ, l-ACER kienet awtorizzata titbiegħed mill-pożizzjoni komuni tal-ARN, kif stabbilita fit-talba konġunta.
- 28 Il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li tibda bl-eżami tat-tieni parti tal-ewwel motiv.

- 29 Fil-kuntest ta' din tal-aħħar, ir-rikorrenti essenzjalment isostnu li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ACER setgħet titbiegħed mill-pożizzjoni komuni tal-ARN, kif stabbilita fit-talba konġunta, filwaqt li l-kamp tal-kompetenza tal-ACER kien iddefinit mit-talba konġunta u li, billi tbiegħdet mit-termini ta' din tal-aħħar, fid-Deċiżjoni 02/2020, abbażi tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 u tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942, sabiex issegwi l-aġenda politika tagħha, hija kienet aġixxiet *ultra vires*, bi ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet. Il-fatt li wħud mill-ANR ikkonċernati ma kkontestawx id-deċiżjoni kkontestata f'dan ir-rigward ma jċaħħad lill-ANR l-oħra mid-dritt tagħhom li jagħmlu dan.
- 30 L-ewwel, skont ir-rikorrenti, mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament 2019/942, mill-ġurisprudenza u mill-prassi deċiżjonali tal-ACER jirriżulta li l-kompetenza deċiżjonali tal-ACER ma tistax testendi għall-punti li dwarhom l-ANR kienu diġà qablu jew li ma talbuhx tiddeċiedi dwarhom. F'dan il-każ, l-ACER għet adita biss biż-żewġ punti ta' nuqqas ta' qbil bejn l-ARN imsemmija fin-nota informali, dwar il-funzjonament tekniku tal-proċess ta' restawr tal-frekwenza awtomatika mit-TSO u dwar il-mudell ta' "talba għall-kontroll" li għandu jintgħażel għal disinn ta' livell għoli tal-pjattaforma aFRR.
- 31 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li, billi adottat deċiżjoni li kienet taqbeż il-limiti tal-kompetenza tagħha, kif iddefiniti mit-talba konġunta, l-ACER kisret il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 5(2) TUE. Il-metodoloġija tal-aFRR għet adottata abbażi tar-Regolament 2017/2195, li huwa att ta' implimentazzjoni. Kif jirriżulta mill-premessa 16 tiegħu, ir-Regolament 2017/2195 jstabbilixxi l-limiti tal-kompetenza mogħtija lill-ACER u hija biss il-Kummissjoni Ewropea li tista', permezz tal-proċedura ta' kumitat, tibdel l-imsemmija limiti. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-Bord tal-Appell, fil-punt 108 tad-deċiżjoni kkontestata, l-ACER ma eżerċitatx, f'dan il-każ, kompetenza rispettiva, iżda kompetenza ddelegata jew idderivata tal-ARN. Skont il-ġurisprudenza, hija biss in-neċessità li jiġi żgurat l-effett utli tar-Regolament 2017/2195 li tista' tiġġustifika li l-ACER teċċedi l-limiti tal-kompetenza mogħtija lilha. Madankollu, mill-punt 69 tas-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, E-Control vs ACER (T-332/17, mhux ippublikata, EU:T:2019:761), jirriżulta li xejn ma jiġġustifika li, bħal f'dan il-każ, l-ACER tissostitwixxi l-pożizzjoni tagħha għal dik tal-ARN, kif espressa fit-talba konġunta, dwar il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u l-entità jew l-entitajiet maħtura sabiex jeżegwixxuhom.
- 32 It-tielet, ir-rikorrenti jsostnu li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament 2019/942, adottata mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, sabiex l-ACER tingħata setgħa ġenerali li tirrevedi l-proposti tat-TSO sottomessi lill-ARN, kienet żbaljata, sa fejn din id-dispożizzjoni ma kinitx applikabbli għall-proċess deċiżjonali msemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tal-imsemmi regolament u ma kinitx tosserva l-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, kif imfakkar fil-punt 31 iktar 'il fuq. F'dan il-każ, l-adozzjoni tal-metodoloġija tal-aFRR kienet taqa', fl-ewwel lok, taħt il-kompetenza tal-ARN u, fit-tieni lok u fin-nuqqas ta' qbil bejniethom jew fuq talba konġunta tagħhom, taħt il-kompetenza tal-ACER.
- 33 Ir-raba', ir-rikorrenti jqisu li l-invokazzjoni, mill-ACER, tan-natura allegatament "minn isfel għal fuq" tal-proċess regolatorju previst mir-Regolament 2019/942 ma tiġġustifikax li, fid-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER tbiegħdet mill-pożizzjoni komuni tal-ARN, u dan indipendentement mill-opinjoni favorevoli maħruġa mill-Bord tar-Regolaturi dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-ACER. Permezz tad-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER imponiet fuq it-TSO numru ta' obbligi li huma kienu ċaħdu b'mod kostanti u li l-ANR ma kinux identifikaw, fit-talba konġunta, bħala punti ta' nuqqas ta' qbil bejniethom u li jeħtieġu arbitraġġ mill-ACER.

Id-Deċiżjoni 02/2020, kif ikkonfermata mill-Bord tal-Appell, mhux biss kienet illegali, iżda kienet ukoll ta' preġudizzju għat-TSO. Fil-fatt, hija ċaħdithom mill-possibbiltà li jaħtru konsorzju ta' TSO sabiex jeżegwixxi l-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issetiljar TSO-TSO u imponitilhom li, f'ċertu terminu ta' żmien, jinkludu l-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u jaħtru wieħed mit-TSO jew kumpannija proprjeta' tat-TSO sabiex teżegwixxi din il-funzjoni, f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament 2017/2195. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195, kienu t-TSO li kellhom jiddefinixxu l-metodoloġija tal-aFRR u l-ACER ma setgħetx timponi din il-metodoloġija fuqhom, filwaqt li tistaħba wara possibbiltà ipotetika, għat-TSO, li jippreżentaw proposta ta' emenda tal-imsemmija metodoloġija, b'applikazzjoni tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament 2017/2195.

- 34 L-ACER titlob li t-tieni parti tal-ewwel motiv tiġi miċħuda.
- 35 F'dan il-każ, f'konformità mad-determinazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors u tal-utilità tal-motivi invokati insostenn tiegħu fil-punt 25 iktar 'il fuq, għandu jiġi vverifikat jekk il-Bord tal-Appell wettaqx żball ta' liġi meta naqas, fid-deċiżjoni kkontestata, milli jikkonstata li, billi adottat id-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER kienet qabżet il-limiti tal-kompetenza tagħha, kif allegaw ir-rikorrenti insostenn tal-appell ippreżentat quddiemu.
- 36 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza dwar ir-regoli li jirregolaw il-kompetenza tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li d-dispożizzjoni li tikkostitwixxi l-bażi legali ta' att u li tawtorizza lill-istituzzjoni tal-Unjoni tadotta l-att inkwistjoni trid tkun fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tiegħu (ara s-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage, C-596/13 P, EU:C:2015:203, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Frar 2011, Cantiere navale De Poli vs Il-Kummissjoni, T-584/08, EU:T:2011:26, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 37 Fil-mument meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, li hija l-uniku att li r-rikorrenti jistgħu jikkontestaw il-legalità tiegħu fil-kuntest ta' dan ir-rikors (ara l-punt 25 iktar 'il fuq), jiġifieri fis-16 ta' Lulju 2020, ir-Regolament 2019/942 kien applikabbli. Barra minn hekk, ir-Regolament 2017/2195 ukoll kien fis-seħħ u applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 65 tiegħu, mit-18 ta' Diċembru 2017, jiġifieri l-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fit-28 ta' Novembru 2017. Issa, l-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 jawtorizzaw lill-ACER li, fi żmien sitt xhur, tiddeċiedi jew tadotta deċiżjonijiet individwali dwar kwistjonijiet jew problemi regolatorji li jkollhom effetti fuq il-kummerċ transkonfinali jew is-sigurtà tas-sistemi transkonfinali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-ARN, bħall-adozzjoni tal-metodoloġija tal-aFRR, jekk l-ARN kompetenti ma jkunux waslu għal qbil fit-terminu mogħti lilhom sabiex jagħmlu dan jew jekk l-ARN kompetenti kienu għamlulha talba konġunta f'dan ir-rigward. Fil-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kienu biss dawn id-dispożizzjonijiet li setgħu joffru bażi legali lill-imsemmija deċiżjoni.
- 38 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk l-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 kinux ta' natura li jstabbilixxu l-kompetenza tal-ACER sabiex tadotta b'mod definittiv il-metodoloġija tal-aFRR, kif tinstab fl-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata, li jimplika li l-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandha tiġi interpretata.
- 39 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġu interpretati dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħhom, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li jiffurmaw parti

minnha (ara s-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2018, COBRA, C-192/17, EU:C:2018:554, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-28 ta' Jannar 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard), C-122/18, EU:C:2020:41, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 40 F'dan il-każ, it-TSO kollha, kif kienu obbligati jagħmlu skont l-Artikolu 5(2)(a) u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/2195, issottomettew għall-approvazzjoni tal-ARN tagħhom proposta ta' metodoloġija tal-aFRR, jiġifieri l-proposta inizjali tal-aFRRIF. Skont l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 u l-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942, l-ACER madankollu kellha, fil-każ ta' talba konġunta mill-ARN, tiddeċiedi hija stess fuq din il-proposta f'terminu ta' sitt xhur li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' din it-talba. Issa, huwa paċifiku li, permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2019, l-ANR talbu b'mod konġunt lill-ACER, skont l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195, sabiex tiddeċiedi dwar il-proposta inizjali tal-aFRRIF li t-TSO kienu ssottomettewlhom (punt 4 iktar 'il fuq).
- 41 Għalhekk, il-kompetenza tal-ACER sabiex tiddeċiedi jew tadotta deċiżjoni definittiva dwar il-metodoloġija tal-aFRR kienet ibbażata, f'dan il-każ, fuq il-fatt, imsemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195, li l-ARN kollha kienu talbuha b'mod konġunt li tiddeċiedi dwar din il-metodoloġija.
- 42 Issa, l-ewwel, mill-kliem tal-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 ma jirriżultax li, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' tali kompetenza u lil hinn mill-obbligu tagħha, skont l-Artikolu 6(11) tar-Regolament 2019/942, li tikkonsulta lill-ARN u lit-TSO ikkonċernati fl-istadju tal-preparazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, l-ACER kienet marbuta mill-osservazzjonijiet trażmessi minn dawn tal-aħħar. B'mod partikolari, mill-imsemmija dispożizzjonijiet ma jirriżultax li l-kompetenza tal-ACER hija limitata biss għall-aspetti li fuqhom l-ARN ma rnekkomx jilhqun qbil. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 iqisu li l-“kwistjonijiet regolatorji” jew il-“proposti sottomessi [għall-]metodoloġiji [mit-TSO]”, li inizjalment jaqgħu taħt il-kompetenza tal-ARN qabel ma jaqgħu, wara talba konġunta minn dawn tal-aħħar, taħt il-kompetenza tal-ACER, bħala ħaġa waħda indiviżibbli, li fir-rigward tagħhom l-ARN, u sussegwentement l-ACER, ikunu aditi b'mod globali mingħajr ma ssir tali distinzjoni. Fid-dawl tal-formulazzjoni tagħhom, l-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 għandhom għalhekk jiġu interpretati fis-sens li, f'każ ta' talba konġunta mill-ARN dwar kwistjonijiet regolatorji jew proposti sottomessi mit-TSO, l-ACER hija awtorizzata tiddeċiedi hija stess dwar dawn il-kwistjonijiet jew dawn il-proposti.
- 43 It-tieni, din l-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 hija sostnuta mill-kuntest u mill-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmlu parti dawn id-dispożizzjonijiet, kif iċċarati mix-xogħol preparatorju ta' din tal-aħħar.
- 44 F'dan ir-rigward, mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (COM/2007/0530 final), li wasslet għar-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2009, L 211, p. 1), li sussegwentement kien ġie ssostitwit bir-Regolament 2019/942, jirriżulta li d-dispożizzjonijiet inklużi fih kienu bbażati b'mod partikolari fuq il-konstatazzjoni li, “[m]inkejja li s-suq intern ta' l-enerġija [kien] żviluppa

konsiderevolment, [kien] għad hemm lakuna regolatorja dwar kwistjonijiet transkonfinali” u li “[l]-approċċ [...] li fil-prattika s-soltu [kien] jeħtieġu l-kunsens ta’ 27 regolatur u aktar minn 30 TSO biex jilħaq qbil, [ma kienx qiegħed] iħalli rżultati suffiċjenti” u “[ma kienx] għal deċiżjonijiet reali fuq il-kwistjonijiet diffiċli li jeħtieġ li jittieħdu”. Għal dawn ir-raġunijiet, kien ġie deċiż li tinħoloq l-Aġenzija “[li kienet ser t]ikkomplement[a], fuq il-livell Ewropew, il-ħidmiet regolatorji li jwettquhom ir-regolaturi nazzjonali”, b’mod partikolari bl-għoti ta’ “[s]etgħat ta’ deċiżjoni f’każijiet individwali”. L-imsemmija setgħat kellhom jingħataw lill-ACER “[b]il-għan li jiġu ttrattati kwistjonijiet speċifiċi transkonfinali”, b’mod partikolari “dwar is-sistema regolatorja applikabbli għall-infrastruttura fi ħdan it-territorju ta’ aktar minn Stat Membru wieħed”, kif kien finalment previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 713/2009.

- 45 Barra minn hekk, mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (COM/2016/0863 final) jirriżulta li d-dispożizzjonijiet inklużi fiha kellhom b’mod partikolari jippermettu “[l]-adattament tas-sorveljanza regolatorja għas-swieq reġjonali”. B’mod partikolari, ma deherx iktar xieraq għar-realtajiet il-ġodda ta’ dawn is-swieq li “d-deċiżjonijiet regolatorji ewlenin kollha jittieħdu mir-regolaturi nazzjonali, anki f’każijiet meta jkun hemm bżonn ta’ soluzzjoni reġjonali komuni” u li “[s]-sorveljanza regolatorja [kienet] għadha frammentata, u dan [kien qiegħed] iwassal għal riskju ta’ deċiżjonijiet diverġenti u għal dewmien bla bżonn”. Għal dawn ir-raġunijiet, kien ikkunsidrat li “[t]-tisħiħ tas-setgħat tal-ACER fil-kuntest ta’ dawn il-kwistjonijiet transkonfinali li [kienu]jeħtieġu deċiżjoni reġjonali koordinata kieku jikkontribwixxi lejn proċess aktar mgħaġġel u effettiv ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali”, filwaqt li ġie osservat li “[r]-regolaturi nazzjonali, li jiddeċiedu fi ħdan l-ACER rigward dawk il-kwistjonijiet permezz ta’ votazzjoni b’maġġoranza, jibqgħu involuti b’mod sħiħ fil-proċess”. L-għoti lill-ACER ta’ “kompetenzi addizzjonali limitati” kien meqjus bħala konformi mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà, sa fejn dan kien isir “fl-oqsma li fihom it-teħid ta’ deċiżjonijiet nazzjonali frammentati dwar kwistjonijiet ta’ rilevanza transkonfinali jistgħu jwasslu għal problemi jew għal inkonsistenzi fis-suq intern”. Barra minn hekk, dan kien meqjus konformi mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, sa fejn “[l]-ACER għandha tingħata kompiti addizzjonali, speċjalment fl-operat reġjonali tas-sistema tal-enerġija, filwaqt li r-regolaturi nazzjonali għandhom iżommu r-rwol ċentrali tagħha fir-regolamentazzjoni tal-enerġija”. Huwa f’dan il-kuntest li l-proposta għal regolament, fil-“Kapitolu [I], [t]iddefinixxi għadd ta’ kompiti ġodda għall-ACER, [...] b’rabta mas-superviżjoni ta’ Operaturi Nominati tas-Suq tal-Elettriku u li huma relatati mal-approvazzjoni ta’ metodi, kif ukoll proposta dwar l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni u t-tħejjija għar-riskji”. Dawn il-kompiti l-ġodda tal-ACER ġew b’mod partikolari fformalizzati fl-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942.
- 46 Mill-espożizzjoni tal-motivi ta’ dawn il-proposti għal regolament toħroġ ir-rieda ċara tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħmel it-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali, li huma diffiċli iżda indispensabbli, iktar effiċjenti u rapidi, u dan permezz ta’ tisħiħ tas-setgħat ta’ deċiżjoni f’każijiet individwali tal-ACER b’mod kompatibbli maż-żamma tar-rwol ċentrali tal-ARN fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-enerġija.
- 47 Dan jikkorrispondi wkoll għal uħud mill-għanijiet segwiti mir-Regolamenti Nru 713/2009 u 2019/942. Fil-fatt, kif ġie mfakkar fil-premessa 10 tar-Regolament 2019/942, li qabel kienet il-premessa 5 tar-Regolament Nru 713/2009, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib u jeliminaw l-ostakoli għall-kummerċ transkonfinali tal-elettriku u tal-gass naturali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u twaqqaf korp ċentrali indipendenti, jiġifieri l-ACER, sabiex jimla l-lakuna regolamentari fil-livell tal-Unjoni u sabiex jikkontribwixxi għall-funzjonament effikaċi tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali. Għalhekk, kif huwa

indikar fil-premessa 11 tar-Regolament 2019/942, li qabel kienet il-premessa 6 tar-Regolament Nru 713/2009, l-ACER għandha tiżgura li l-funzjonijiet regolatorji ssodisfatti mill-ARN ikunu kkoordinati korrettament u, jekk meħtiegħ, issupplimentati fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, hija għandha, kif ġie ppreċiżat fil-premessi 33 u 34 tar-Regolament 2019/942, li qabel kienu l-premessi 18 u 19 tar-Regolament Nru 713/2009, setgħat rispettivi ta' deċiżjoni sabiex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effiċjenti, trasparenti, motivat u, fuq kollox, indipendenti fir-rigward tal-produtturi tal-elettriku u tal-gass, tat-TSO u tal-konsumaturi. Hija għandha teżerċita dawn is-setgħat billi tiżgura l-konformità ta' dawn id-deċiżjonijiet mad-dritt tal-Unjoni dwar l-enerġija, taħt il-kontroll tal-Bord tal-Appell, li jagħmel parti mill-ACER filwaqt li huwa indipendenti fi ħdan din tal-aħħar, u taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

- 48 Minn dan isegwi li l-ACER b'mod partikolari nġhatat funzjonijiet regolatorji u setgħat deċiżjonali rispettivi, li hija teżerċita b'indipendenza sħiħa u taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, sabiex tkun tista' tissupplimenta lill-ARN meta l-kooperazzjoni volontarja tagħhom ma tippermettilhomx li jaddottaw deċiżjonijiet individwali dwar kwistjonijiet jew dwar problemi partikolari li jaqgħu taħt il-kompetenza regolatorja tagħhom. Kif huwa indikat fil-premessi 11 u 45 tar-Regolament 2019/942, li qabel kienu l-premessi 6 u 29 tar-Regolament Nru 713/2009, l-ACER b'hekk issir kompetenti sabiex tiddeċiedi, b'indipendenza sħiħa u taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, fuq kwistjonijiet regolatorji jew problemi importanti għall-funzjonament effikaċi tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali, biss meta u sa fejn, f'konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità esposti fl-Artikolu 5 TUE, l-għanijiet segwiti mill-Unjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati, minħabba n-nuqqas ta' qbil ġenerali mil-huq bejn l-ARN tagħhom dwar kwistjonijiet regolatorji jew problemi li inizjalment jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom. Dan japplika *a fortiori* meta l-ARN stess jaqblu li huwa iktar xieraq li l-ACER tiddeċiedi hija stess dwar dawn il-kwistjonijiet jew dwar dawn il-problemi.
- 49 Għalhekk, il-loġika tas-sistema li fuqha huma bbażati l-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942, li qabel kien l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 713/2009, u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 hija li, meta l-ARN, fil-livell tal-Istati Membri, iqisu li jkun iktar xieraq li l-ACER tiddeċiedi hija stess permezz ta' deċiżjoni individwali dwar kwistjonijiet regolatorji jew dwar problema li taqa' taħt il-kompetenza tagħhom, li huma importanti għall-funzjonament effikaċi tas-swieq interni tal-elettriku, bħall-iżvilupp tal-metodoloġija tal-aFRR previst fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/2195, il-kompetenza għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni tkun tal-ACER, mingħajr ma jkun previst li parti minn dik il-kompetenza tista' tinżamm, fil-livell nazzjonali, mill-ARN, pereżempju għal ċerti kwistjonijiet regolatorji jew għal ċerti aspetti tal-problema inkwistjoni li dwarhom ikunu laħqu qbil.
- 50 Barra minn hekk, sa fejn l-ACER teżerċita l-kompetenza tagħha b'indipendenza sħiħa u taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, il-Bord tal-Appell kien iġġustifikat meta indika, fil-punt 110 tad-deċiżjoni kkontestata, li huwa ma jstax ikun marbut mill-pożizzjoni meħuda mill-ARN kompetenti fuq ċerti kwistjonijiet regolatorji jew dwar ċerti aspetti tal-problemi sottomessi lilhom u li dwarhom huma kienu waslu għal qbil, b'mod partikolari meta jqis li din il-pożizzjoni ma hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar l-enerġija. Minbarra dan, ir-rikorrenti ma jikkontestawx, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, din l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell.
- 51 Barra minn hekk, sa fejn is-setgħat rispettivi ta' deċiżjoni ġew mogħtija lill-ACER sabiex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effettiv, l-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 iridu jinftiehem fis-sens li jawtorizzaw lill-ACER

temenda l-proposti tat-TSO sabiex tiżgura l-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni dwar l-enerġija, qabel l-approvazzjoni tagħhom. Din is-setgħa hija indispensabbli sabiex l-ACER tkun tista' twettaq il-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effettiv, peress li, kif ġustament enfasizza l-Bord tal-Appell fil-punt 125 tad-deċiżjoni kkontestata, l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament 2019/942 jew tar-Regolament 2017/2195 ma tipprevedi li l-ACER tista' titlob lit-TSO jemendaw il-proposta tagħhom, qabel ma tapprovaha.

- 52 Fl-aħħar, għandu jiġi rrilevat li, fir-Regolament 2019/942, is-setgħat ta' deċiżjoni mogħtija lill-ACER ġew irrikonċiljati maż-żamma tar-rwol ċentrali rrikonnoxxut lill-ARN fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-enerġija peress li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 24(2) tal-imsemmi regolament, l-ACER, permezz tad-Direttur tagħha, għandha tordna jew tadotta d-deċiżjonijiet tagħha biss wara li tkun irċeviet jew kisbet l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi li fih l-ARN kollha huma rrappreżentati flimkien mal-Kummissjoni, fejn kull membru tal-imsemmi Bord għandu vot wieħed u fejn dan il-Bord jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi, kif previst fl-Artikolu 21 u fl-Artikolu 22(1) tal-istess regolament.
- 53 Għalhekk, l-għan tal-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 kif ukoll il-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet jikkonfermaw li, f'każ ta' talba konġunta mill-ARN dwar kwistjonijiet regolatorji jew proposti sottomessi mit-TSO, l-ACER hija awtorizzata tirregola jew tiddeċiedi hija stess dwar dawn il-kwistjonijiet jew dawn il-proposti, bla ħsara għaż-żamma tar-rwol ċentrali rrikonnoxxut lill-ARN permezz tal-opinjoni ta' qbil tal-Bord tar-Regolaturi u mingħajr ma l-kompetenza tagħha tkun limitata biss għall-aspetti partikolari li fuqhom ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn l-imsemmija ARN.
- 54 L-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li r-Regolament 2017/2195 huwa att ta' implimentazzjoni, li l-Bord tal-Appell ikkwalifika b'mod żbaljat il-proċess li wassal għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata bħala wieħed "minn isfel għal fuq" jew ma osservax id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) (b) tar-Regolament 2019/942 għandhom jiġu miċħuda bħala li huma, fi kwalunkwe każ, ineffettivi, sa fejn dawn ma humiex ta' natura li jbiddu l-fatt li, f'dan il-każ, l-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 kienu jipprovdu lill-Bord tal-Appell b'bażi legali suffiċjenti għall-adozzjoni definittiva tal-metodoloġija tal-aFRR, kif tinstab fl-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata.
- 55 It-tielet, il-fondatezza tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 esposta fil-punt 53 iktar 'il fuq hija kkonfermata mill-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-każ inkwistjoni.
- 56 Fl-ewwel lok, mill-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/2195 jirriżulta li l-metodoloġija tal-aFRR hija maħsuba bħala sett regolatorju indiviżibbli, li għandu jagħti lok għal approvazzjoni waħda min-naħa tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti.
- 57 Fit-tieni lok u sa fejn ir-rikorrenti jirreferu għall-kontenut tan-nota informali tal-ARN, għandu jiġi osservat li din tal-aħħar tikkostitwixxi dokument, maħruġ mill-ARN, li ma huwiex legalment vinkolanti għall-ACER u li la jista' jinfluwenza d-determinazzjoni tal-portata tal-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 jew tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195, u lanqas dik tal-kompetenzi jew tad-dmirijiet tal-ACER li jirriżultaw minnu. Fi kwalunkwe każ, il-kontenut ta' dan id-dokument ma jsostnix l-allegazzjoni tar-rikorrenti li n-nota informali tal-ARN iddistingwiet b'mod konkret il-kwistjonijiet regolatorji jew l-aspetti tal-metodoloġija tal-aFRR li għalihom l-ARN kollha kienu laħqu qbil, b'mod partikolari dwar il-fatt li l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issettiljar TSO-TSO, iżda mhux il-ġestjoni tal-kapaċità, kienu funzjonijiet

meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u l-għażla ta' konsorzju għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija funzjonijiet kienet għażla kompatibbli mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, fost dawk li dwarhom ma kinux laħqu tali qbil u għalhekk irreferewhom għall-ACER għal deċiżjoni.

- 58 Fil-fatt, fin-nota informali tal-ARN, dawn tal-aħħar, wara li fakkru li l-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli kellha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni, innotaw, b'mod mhux vinkolanti għall-ACER, il-qbil tagħhom dwar il-fatt li l-proposta inizjali tal-aFRRIF kellha tipprevedi li l-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli kellu jitwettaq mit-TSO kollha, b'mod iċċentralizzat u kkoordinat għall-pjattaforma Ewropej kollha tal-ibbilanċjar u, barra minn hekk, kellha tiġi fformulata mill-ġdid sabiex tippreċiża, mingħajr ambigwiżà, jekk huma xtaqux jinkarigaw lil entità waħda jew lil diversi entitajiet bl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma tal-aFRR, peress li konsorzju ta' TSO, mingħajr personalità ġuridika, kien ekwivalenti għal struttura b'entitajiet multipli. Dawn l-osservazzjonijiet tal-ARN juru li l-qbil tagħhom kien jirrigwarda, f'dan il-każ, mhux daqstant il-validazzjoni tal-artikoli tal-proposta inizjali tal-aFRRIF dwar il-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli u l-indikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR iżda iktar in-neċessità, għat-TSO, li jiżviluppaw l-artikoli relatati ma' dawn il-kwistjonijiet li kien hemm fil-proposta inizjali tal-aFRRIF.
- 59 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma humiex fondati meta jakkużaw lill-ACER li injorat il-fatt li n-nota informali tal-ARN kienet turi li dawn tal-aħħar kienu jaqblu fuq il-fatt li l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, iżda mhux il-ġestjoni tal-kapaċità, kienu funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u li l-għażla ta' konsorzju għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija funzjonijiet kienet għażla kompatibbli mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195.
- 60 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' liġi sa fejn, fid-deċiżjoni kkontestata, huwa ma kkonstatax li, bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER kienet marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza tagħha meta ddeċidiet fuq punti tal-metodoloġija tal-aFRR li fin-nota informali tal-ARN kienu ssemmev bħala punti li dwarhom kien hemm qbil bejniethom.
- 61 Konsegwentement, it-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata. Peress li l-eżami ta' din tal-aħħar ippermetta li jiġi kkonstatat li l-ACER kellha, fi kwalunkwe każ, kompetenza sabiex tiddeċiedi fuq punti tal-metodoloġija tal-aFRR li fin-nota informali tal-ARN kienu ssemmev bħala punti li dwarhom kien hemm qbil bejniethom, il-kwistjoni dwar jekk, bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER effettivament tbeġhditx mill-pożizzjoni komuni tal-ARN, kif stabbilita fit-talba konġunta tagħhom, issir irrilevanti. Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva, u għalhekk dan il-motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm huwa.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Bord tal-Appell billi ma kkonstatax li l-ACER kienet kisret l-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195

- 62 It-tieni motiv jinqasam fi tmien partijiet, li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament, fejn meħtieġ billi jinġabru flimkien.

– Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li t-TSO kienu imponew fuqhom stess l-obbligu li jużaw entità waħda

- 63 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat, fil-punt 161 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-TSO kienu imponew fuqhom stess l-obbligu li jużaw entità waħda sabiex iwettqu l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. L-imsemmi bord ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li l-proposta li jinħatar TSO wieħed, li tinsab fit-tielet proposta tat-TSO, kienet ir-riżultat tal-oppożizzjoni kostanti tal-ACER, fil-kuntest tal-proċess deċiżjonali, għall-ħatra ta' konsorzju ta' TSO u l-preferenza tagħha għal entità ġuridika waħda, fil-forma ta' TSO jew ta' kumpannija maħluqa mit-TSO. L-ACER għalhekk imponiet b'mod illegali l-pożizzjoni tagħha fuq it-TSO, bl-iskuża tan-natura allegatament "minn isfel għal fuq" tal-proċess regolatorju previst mir-Regolament 2019/942. Il-fatt li wħud mill-ANR ikkonċernati ma kkontestawx id-deċiżjoni kkontestata f'dan ir-rigward ma jċaħħadx lill-ANR l-oħra mid-dritt tagħhom li jagħmlu dan.
- 64 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li l-ewwel parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.
- 65 L-ewwel, l-ewwel parti tat-tieni motiv tqajjem, essenzjalment, il-kwistjoni dwar jekk l-ACER setgħetx, jew saħansitra kellhiex, tieħu inkunsiderazzjoni l-proposti suċċessivi tal-aFRRIF li t-TSO kienu pprezentawliha, wara li hija kienet ġiet mitluba tiddeċiedi dwar il-proposta inizjali tal-aFRRIF fuq talba konġunta tal-ARN.
- 66 F'dan il-każ, mid-dokument, b'korrezzjonijiet apparenti, li jinsab fl-Anness A.6.1 tar-rikors kif ukoll mill-punt 161 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ACER żammet il-proposta inizjali tal-aFRRIF bħala d-dokument bażiku li fuqu hija kienet mitluba tiddeċiedi, u li hija sussegwentement fl-aħħar ħadet inkunsiderazzjoni t-tielet proposta emendata tal-aFRRIF sabiex tfassal l-aFRRIF inkwistjoni, li l-abbozz finali tiegħu ġie kkomunikat lit-TSO fl-20 ta' Diċembru 2019 (ara l-punt 12 iktar 'il fuq).
- 67 F'dan ir-rigward, ma hemmx ostakolu legali sabiex, minn naħa, matul il-fażi ta' konsultazzjoni li l-ACER għandha twettaq, f'konformità mal-Artikolu 6(11) tar-Regolament 2019/942, it-TSO jipprezentawliha suċċessivament verżjoni waħda jew iktar emendati tal-proposta tagħhom inizjalment mibgħuta lill-ARN u sabiex, min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-imsemmija konsultazzjoni, l-ACER tieħu inkunsiderazzjoni emendi suċċessivi hekk magħmula mit-TSO.
- 68 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li s-sottomissjoni tal-proposti suċċessivi tal-aFRRIF saret fuq l-inizjattiva proprja tat-TSO, f'tentattiv biex jiġu mwiegħba l-osservazzjonijiet tal-ACER. F'tali ċirkustanza, huwa konformi mal-ispirtu tal-leġiżlazzjoni applikabbli u mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li għandu jipprevali fil-kuntest tal-konsultazzjoni li l-ACER għandha twettaq, f'konformità mal-Artikolu 6(11) tar-Regolament 2019/942, li din tal-aħħar ħadet inkunsiderazzjoni l-aħħar proposta tal-aFRRIF sottomessa mit-TSO sabiex tfassal il-verżjoni finali tal-abbozz tagħha ta' deċiżjoni dwar il-metodoloġija tal-aFRR, kif ikkomunikat lit-TSO fl-20 ta' Diċembru 2019.
- 69 Issa, kif jirrikonoxxu r-rikorrenti stess, fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, finalment meħuda inkunsiderazzjoni mill-ACER, it-TSO kienu pproponew li jaħtru TSO wieħed, u mhux struttura li għandha l-forma ta' konsorzju, sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR.

- 70 Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell għustament, fid-deċiżjoni kkontestata, ikkonstata li l-ACER, fid-Deċiżjoni 02/2020, ma kinitx imponiet struttura b'entità waħda u kkontentat ruħha "li tallinja mill-qrib il-[metodoloġija] tal-aFRR mat-tielet proposta [emendata tal-aFRRIF]" sabiex tirrifletti "dak li t-TSO kienu qegħdin jitolbu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].
- 71 It-tieni u fi kwalunkwe każ, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom u kif ikkonstata l-Bord tal-Appell fil-punt 175 tad-deċiżjoni kkontestata, mid-Deċiżjoni 02/2020 jirriżulta li l-ACER ma kinitx eskludiet li l-entità maħtura mit-TSO sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR tieħu l-forma ta' konsorzju. Għall-kuntrarju, l-istess bħall-ARN fin-nota informali tagħhom, hija dejjem ikkunsidrat li, kieku t-TSO kellhom jagħżlu tali forma, peress li din ma tagħtix personalità ġuridika lill-entità inkwistjoni, hija ma kinitx tkun tista' titqies li hija entità waħda.
- 72 Għandu jiġi kkonstatat li konsorzju huwa grupp mingħajr personalità ġuridika. Fin-nuqqas ta' personalità ġuridika mogħtija lil din l-entità, huma t-TSO li jkomplu, fid-dawl tal-personalità ġuridika tagħhom, jiżguraw l-operat tal-pjattaforma aFRR.
- 73 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-fatt li l-forma tal-konsorzju kellha titqies bħala struttura b'entitajiet multipli, li huma t-TSO li jkunu membri tal-konsorzju, il-Bord tal-Appell kien iġġustifikat meta qies, l-istess bħall-ARN u bħall-ACER, li t-TSO kellhom juru, fil-proposta tagħhom tal-aFRRIF, li r-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kienu ġew osservati.
- 74 Għaldaqstant, l-argument, ripetut diversi drabi mir-rikorrenti, li l-ACER irrifjutat li l-entità maħtura mit-TSO tieħu l-forma ta' konsorzju u imponiet il-preferenza tagħha għal struttura b'entità waħda, jiġifieri TSO wieħed jew kumpannija proprjeta tat-TSO, huwa infondat fil-fatt u għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud bħala infondat.
- 75 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.
- *Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell billi ma kkonstatax il-ksur, mill-ACER, tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195*
- 76 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta ma kkonstatax, fid-deċiżjoni kkontestata, il-ksur tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195 imwettaq mill-ACER fid-Deċiżjoni 02/2020 billi rrifjuta l-ħatra, mit-TSO, ta' konsorzju ta' TSO, minħabba li l-imsemmija dispożizzjoni kienet tipprevedi biss żewġ għażliet, għal entità unika, jiġifieri jew TSO, jew kumpannija maħluqa mit-TSO, u mhux konsorzju. Ma kien hemm xejn li jiġġustifika li, fil-premessa 69 tad-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER issostni li l-entità msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195 kellu jkollha kapaċità ġuridika u għalhekk ma setgħetx tkun konsorzju, li ma għandux tali kapaċità.
- 77 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li t-tieni parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.
- 78 Kif diġà ġie kkonstatat fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel parti tat-tieni motiv, fil-punt 71 iktar 'il fuq, l-ACER qatt ma eskludiet il-possibbiltà li l-entità maħtura mit-TSO tieħu l-forma ta' konsorzju. Għall-kuntrarju, hija indikat b'mod kostanti li, li kieku din kellha tkun il-forma adottata

- mit-TSO, dawn ikunu entitajiet multipli, fid-dawl tan-nuqqas ta' personalità ġuridika tal-konsorzju, u li t-TSO jridu juru, fil-proposta tagħhom tal-aFRRIF, li r-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kellhom jiġu ssodisfatti.
- 79 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, skont l-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat, kif iċċitat fil-punt 14 iktar 'il fuq, inizjalment, it-TSO kienu meħtieġa jaħtru entità waħda, jiġifieri TSO wieħed jew kumpannija proprjetà tat-TSO, inkarigata mill-funzjoni ta' ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO. Wara dan, huma kellhom, fl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, jistabbilixxu proposta għall-ħatra tal-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità u, f'dan ir-rigward, jippreċiżaw jekk il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR kinux ser jitwettqu minn entità waħda jew minn entitajiet multipli, li jkollhom jikkoordinaw ruħhom.
- 80 Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, mill-aFRRIF ikkontestat ma jirriżultax li l-ACER ċaħdet l-għażla tal-konsorzju.
- 81 Barra minn hekk, kif issostni l-ACER, hija ma żiditx kundizzjoni supplimentari, jiġifieri l-“kapaċità ġuridika”, sabiex allegatament teskludi l-għażla tal-konsorzju, iżda invokat biss in-nuqqas ta' kapaċità ġuridika tal-konsorzju sabiex tiġġustifika li dan tal-aħħar ma jistax jitqies bħala entità unika, iżda entitajiet multipli.
- 82 Din il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' kapaċità legali tal-konsorzju ġiet espliċitament irrilevata mill-ARN fin-nota informali tagħhom. B'hekk, taħt it-titolu e), intitolat “Entitajiet (Artikolu 12 tal-aFRRIF)”, tal-Kapitolu IV, intitolat “Kwistjonijiet li fuqhom l-[ARN] jaqblu”, dawn indikaw li huma ma kinux kollha favur il-proposta tat-TSO dwar il-ħatra tal-entità jew tal-entitajiet inkarigati mill-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, skont l-Artikolu 12 tal-aFRRIF, u li huma kienu qegħdin jitolbu li l-imsemmija proposta tiġi emendata, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fid-dawl taż-żewġ għażliet imsemmija fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, jekk it-TSO jkollhom jipprevedu li l-pjattaforma tal-aFRR tkun operata minn entità maħluqa minnhom, din l-entità kellha tkun legalment separata minnhom u jkollha kapaċità legali sħiħa. Issa, skont l-ARN, konsorzju ma kellux tali kapaċità, sa fejn ma kellux personalità ġuridika, b'tali mod li ma kienx jikkostitwixxi entità legalment separata mit-TSO. L-ARN madankollu kienu ppreċiżaw li dan ma kienx jippermetti li jiġi eskluż li konsorzju jkun jista' jopera pjattaforma, iżda li, f'dan il-każ, it-TSO li jiffirmaw parti mill-konsorzju kienu kompletament responsabbli għal dan l-operat u li, fil-preżenza ta' struttura b'entitajiet multipli, kellu jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 jiġu osservati.
- 83 L-argument tar-rikorrenti li l-ACER żiedet il-kundizzjoni li l-entità jkollha kapaċità ġuridika rispettiva għandu għalhekk jiġi miċħud.
- 84 Fi kwalunkwe każ, għandu jifakkar li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU 2019, L 158, p. 125), TSO huwa ddefinit bħala “persuna fiżika jew ġuridika li hija responsabbli li tħaddem, li tiżgura l-manutenzjoni ta', u jekk ikun meħtieġ li tiżviluppa, is-sistema tat-trażmissjoni f'żona partikolari u, meta jkun applikabbli, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħra, kif ukoll li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema biex tlaħħaq ma' domandi raġonevoli għat-trażmissjoni tal-elettriku”. Skont l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2019/944, it-TSO huma organizzati f'waħda mill-forom legali stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u

- tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2017, L 169, p. 46). Issa, l-imsemmi anness jelenka d-diversi forom ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, fi ħdan l-Istati Membri, li kollha kemm huma għandhom personalità ġuridika, li għalihom jirreferi b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) u (2) tiegħu, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 1, intitolata "Inkorporazzjoni tal-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata", tal-Kapitolu II, intitolat "L-inkorporazzjoni u n-nullità tal-kumpanija u l-validità tal-obbligi tagħha", tat-Titolu I, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali u l-istabbiliment u l-funzjonament ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata". Għaldaqstant, it-TSO, kemm jekk ikunu persuna fiżika kif ukoll jekk ikunu persuna ġuridika, għandhom personalità ġuridika u, għalhekk, il-kapaċità ġuridika li tippermettilhom iwettqu, fir-rigward tas-setgħat u tad-drittijiet tagħhom, il-kompiti fdati lilhom b'indipendenza sħiħa, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47 tad-Direttiva 2019/944.
- 85 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn, skont l-ewwel għażla, prevista fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, il-pjattaforma hija operata mit-TSO u, għaldaqstant, minn persuni ġuridiċi li għandhom kapaċità ġuridika, ma għandux ikun mod ieħor għall-entità li t-TSO jistgħu joħolqu, skont it-tieni għażla prevista minn dan l-istess artikolu.
- 86 Għaldaqstant, fid-dawl tal-evalwazzjonijiet li diġà saru fil-punt 72 iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' liġi meta qies, l-istess bħall-ACER u l-ARN, li, skont il-proposta tat-TSO li tinħatar entità fil-forma ta' konsorzju, peress li dan tal-aħħar ma għandux personalità ġuridika u, għaldaqstant, kapaċità ġuridika, kien xieraq li jitqies li ma kienx il-konsorzju iżda t-TSO li jiffirmawh li kienu responsabbli għall-operat tal-pjattaforma aFRR, b'tali mod li t-TSO kellhom juru li r-rekwiżiti addizzjonali tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kienu ssodisfati.
- 87 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.
- *Fuq it-tielet parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell meta rrifjuta li jikkonstata ksur mill-ACER tal-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195, minħabba li l-entità unika msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-metodoloġija tal-aFRR kienet provviżorja*
- 88 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Bord tal-Appell jidher li qies, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ksur tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, li jikkonsisti fl-impożizzjoni tal-ħatra ta' entità waħda sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, imputat lill-ACER, kien biss provviżorju, sa fejn it-TSO dejjem kellhom il-possibbiltà, skont l-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat, li jipproponu emenda għal dan tal-aħħar sabiex jaħtru diversi entitajiet, bħal konsorzju tat-TSO. Fi kwalunkwe każ, tali kunsiderazzjoni allegatament kienet infondata, peress li l-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat ma jipprevedix li l-entità unika maħtura sabiex teżegwixxi l-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issettjar TSO-TSO tista' tiġi kkonvertita f'diversi entitajiet. Fi kwalunkwe każ, tali konverżjoni ma kinitx telimina l-ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195 imwettaq mill-ACER fid-Deċiżjoni 02/2020 u kienet tkun purament teoretika peress li l-ACER kienet ser tibqa' tqis li l-entità msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195 setgħet tkun biss entità ġuridika unika, u mhux konsorzju.
- 89 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li t-tielet parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.
- 90 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li, billi kkonferma d-Deċiżjoni 02/2020 li tiġi imposta struttura b'entità waħda, anki jekk provviżorja, sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, il-Bord tal-Appell kiser l-Artikolu 21

tar-Regolament 2017/2195, iktar u iktar peress li l-konverżjoni potenzjali ta' din l-entità waħda f'entitajiet multipli kienet teoretika, peress li l-ACER kienet eżiġiet li l-entità maħtura tkun persuna ġuridika, u dan kien jeskludi kull possibbiltà li tinħatar entità li tiegħu l-forma ta' konsorzju.

- 91 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, il-pjattaforma aFRR kellha tiġi operata jew mit-TSO stess, jew minn entità maħluqa minn dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, il-proposta ta' metodoloġija li t-TSO jiżviluppaw, skont l-Artikolu 21(1) tal-imsemmi regolament, tinkludi b'mod partikolari, skont l-Artikolu 21(3)(e) ta' dan ir-regolament, l-entità jew l-entitajiet proposti sabiex jassumu l-funzjonijiet iddefiniti fil-proposta u, meta t-TSO jipproponu li jaħtru diversi entitajiet, il-proposta trid turi u tiggarrantixxi l-osservanza ta' diversi rekwiżiti addizzjonali.
- 92 F'dan il-każ, kif irrilevat l-ACER fil-premessa 69 tad-Deċiżjoni 02/2020, fil-proposta inizjali tal-aFRRIF, it-TSO kienu pprevedew li jaħtru konsorzju sabiex jeżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Madankollu, fil-premessi 70 u 71 tal-imsemmija deċiżjoni, hija kkonstatat li, filwaqt li konsorzju ma kellux personalità ġuridika u li, konsegwentement, il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR kellhom jiġu eżegwiti mid-diversi TSO membri tal-konsorzju, il-proposta kellha turi li r-rekwiżiti addizzjonali previsti, f'tali każ, fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kienu ssodisfatti. Issa, il-proposta ma kienx fiha tali prova. Fil-premessa 81 tad-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER irrilevat li, fid-dawl tal-kliem tat-tielet proposta tal-aFRRIF emendata, it-TSO la kienu pproponew struttura b'entitajiet multipli, li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, u lanqas struttura b'entità waħda inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Għaldaqstant, fl-istess premessa, hija ddeċidiet li taççetta parzjalment il-proposta tat-TSO, sa fejn din kienet tipprevedi li l-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issettiljar TSO-TSO jiġu eżegwiti minn entità waħda. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità, li fir-rigward tagħha t-TSO kienu pproponew li din tista' tiġi eżegwita minn entità oħra, l-ACER rrilevat li ma kienx intwera li, f'tali każ, ir-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kienu ser jiġu osservati. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, fil-premessa 82 tad-Deċiżjoni 02/2020, peress li l-ACER kienet ikkonstatat li l-ħatra tal-entità responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità kienet għadha ma ġietx iffinalizzata fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni u li din setgħet tiġi posposta sabiex tippermetti li t-TSO jieħdu d-deċiżjoni l-iktar effiċjenti f'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li t-TSO kellhom jissottomettu iktar 'il quddiem proposta għal emenda tal-metodoloġija tal-aFRR li fiha huma kienu ser jaħtru l-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, f'konformità mar-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195.
- 93 Kif ġustament issostni l-ACER, dawn il-motivi tad-Deċiżjoni 02/2020 jirriproduċu t-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, li kienet tipprevedi l-ħatra, inizjalment, ta' TSO wieħed biss jew kumpannija proprjetà tat-TSO għall-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issettiljar TSO-TSO u, fi stadju ulterjuri, l-istess entità jew entità differenti sabiex tiġi eżegwita l-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità.
- 94 Sa fejn, kif ġie kkonstatat fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u tat-tieni partijiet tat-tieni motiv, ir-rikorrenti kienu żbaljati li jsostnu li l-ACER irrifjutat l-għażla tat-TSO li jużaw struttura fil-forma ta' konsorzju u imponitilhom struttura b'entità waħda sabiex teżegwixxi l-funzjoni

tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO, kienu wkoll żbaljati meta allegaw li l-ACER kisret l-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195 billi rrifjutatilhom tali għażla, anki jekk biss b'mod temporanju.

- 95 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, it-tielet parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.
- *Fuq ir-raba' parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq żball ta' liġi, imwettaq mill-Bord tal-Appell, meta kkonstata b'mod żbaljat li l-inklużjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR ma kinitx ġiet imposta fuq it-TSO mill-ACER, iżda kienet tirriżulta direttament mill-applikazzjoni tar-Regolament 2017/2195*
- 96 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Bord tal-Appell ikkunsidra, fil-punt 187 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ACER ma kinitx imponiet fuq it-TSO l-obbligu li jinkludu l-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, peress li dan kien jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tar-Regolament 2017/2195.
- 97 L-ewwel, ir-rikorrenti jsostnu li l-affermazzjoni tal-Bord tal-Appell, fil-punt 179 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR ma kienet ibbażata fuq l-ebda dispożizzjoni legali. L-inklużjoni tal-kliem “tal-anqas”, fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, kellha l-għan li ttipreċiża li funzjonijiet oħra minbarra t-titjib tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO setgħu jkunu meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, iżda mhux li dawn il-funzjonijiet supplimentari setgħu jinkludu l-ġestjoni tal-kapaċità. L-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195 kien jipprevedi li t-TSO jiddefinixxu, fil-proposta tagħhom, il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, b'tali mod li l-ACER kienet awtorizzata li timponilhom, bħala tali, biss funzjonijiet ta' ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, li kienu l-uniċi li kienu espressament imsemmija fl-Artikolu 21(2) tal-imsemmi regolament. Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi, fil-punt 188 tad-deċiżjoni kkontestata, meta qies, essenzjalment, li l-ACER setgħet tinkludi l-ġestjoni tal-kapaċità mal-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, bl-istess mod bħall-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, billi tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 21(2) u (3)(c) tar-Regolament 2017/2195.
- 98 It-tieni, ir-rikorrenti jqisu li, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-Bord tal-Appell fil-punti 182, 188, 191 u 192 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li l-Artikolu 37 tar-Regolament 2017/2195 kien jimponi fuq it-TSO l-obbligu li jaġġornaw b'mod kontinwu d-disponibbiltà tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzjonali ma kienx jippermetti li l-ġestjoni tal-kapaċità titqies bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens tal-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament. Fil-fatt, ir-Regolament 2017/2195 stabbilixxa distinzjoni bejn il-funzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-operat tal-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar u l-komponenti jew il-proċessi tal-ibbilanċjar tas-sistema tal-elettriku. L-affermazzjoni kuntrarja tal-ACER, fil-premessa 54 tad-Deċiżjoni 02/2020, ma kienet ibbażata fuq l-ebda bażi legali.
- 99 It-tielet, ir-rikorrenti jargumentaw li l-ebda raġuni oħra mressqa mill-Bord tal-Appell sabiex jiġġustifika l-inklużjoni mill-ACER tal-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR ma tista' tintlaqa'. Qabelxejn, peress li l-modulu informatiku tal-ġestjoni tal-kapaċità propost mit-TSO kien ġie ċċentralizzat, għal-livell ta' pjattaformi multipli, il-Bord tal-Appell ma setax, fil-punt 192 tad-deċiżjoni kkontestata, jibbaża ruħu fuq is-sempliċi fatt li l-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità kienet meħtieġa fuq il-livell tekniku sabiex jikklassifikaha bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell ma setax, fil-premessa 73 tad-Deċiżjoni 02/2020, jirreferi għal kriterji, ibbażati

fuq l-effikaċja tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità għall-operat tal-pjattaforma aFRR, li huwa ma kienx spjega b'mod ċar. Sussegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li qies il-Bord tal-Appell fil-punt 198 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li l-eżekuzzjoni tal-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni, li kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, kienet teħtieġ aġġornament kontinwu tad-disponibbiltà tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonal allegatament ma kienx biżżejjed sabiex jiġġustifika li l-ġestjoni tal-kapaċità stess tkun ikklassifikata bħala funzjoni meħtieġa għal dan l-operat, peress li l-modulu informatiku tal-ġestjoni tal-kapaċità ċentralizzata kien jopera fil-livell ta' pjattaformi multipli u għalhekk ma setax jiġi kkunsidrat bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, u għalhekk suġġett għall-konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195. Barra minn hekk, sa fejn il-pjattaforma aFRR kellha tiffunzjona, għal perijodu tranżitorju ta' sentejn, qabel ma tiġi introdotta l-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità fil-forma ta' modulu informatiku tal-ġestjoni tal-kapaċità ċentralizzata, il-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat, fil-punt 199 tad-deċiżjoni kkontestata, li dan ma kienx jikkonfuta l-klassifikazzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, suġġetta għall-osservanza tal-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195. Fl-aħħar, sa fejn ir-Regolament 2017/2195 kien att ta' implimentazzjoni, la l-ACER u lanqas il-Bord tal-Appell ma kellhom il-libertà li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, billi jinkludu l-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, kif huma allegatament għamli fid-Deċiżjoni 02/2020 u fil-punti 189 u 190 tad-deċiżjoni kkontestata, b'riferiment għall-għanijiet elenkati fl-Artikolu 3(1)(c) u fil-premessa 5 tal-imsemmi regolament. Fi kwalunkwe każ, il-Bord tal-Appell ma spjegax għaliex il-modulu informatiku tal-ġestjoni tal-kapaċità ċentralizzata, propost mit-TSO, ma kienx biżżejjed sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet u sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 37 tar-Regolament 2017/2195, imsemmija fil-punt 182 tad-deċiżjoni kkontestata.

- 100 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li r-raba' parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.
- 101 Sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-imsemmija parti, għandu, fl-ewwel lok, jiġi eżaminat jekk il-ġestjoni tal-kapaċità kinitx tikkostitwixxi waħda mill-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens tar-Regolament 2017/2195. Fil-fatt, din il-klassifikazzjoni tirriżulta determinanti sabiex jiġi evalwat jekk ir-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e)(i) sa (iii) tar-Regolament 2017/2195 kellhomx jiġu osservati, fil-każ fejn it-TSO jipproponu li jaħtru diversi entitajiet sabiex jassumu dawn id-diversi funzjonijiet. Huwa biss fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din l-ewwel mistoqsija li, fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li, f'dan il-każ, il-Bord tal-Appell kien żbaljat meta qies li l-ACER ma kinitx imponiet fuq it-TSO li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ġestjoni tal-kapaċità bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR.
- 102 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-Regolament 2017/2195 jistax jiġi interpretat fis-sens li l-ġestjoni tal-kapaċità hija funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tal-imsemmi regolament, iżda wkoll il-kuntest tiegħu u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li minnha jaġġmel parti.
- 103 Għall-finijiet ta' interpretazzjoni letterali, għandu jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "funzjonijiet meħtieġa biex titħaddem il-pjattaforma [aFRR]" ma huwiex iddefinit fit-test tar-Regolament 2017/2195, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament. Jintuża biss fl-Artikolu 21 tal-istess regolament.

- 104 Skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/2195, huma t-TSO li għandhom ifasslu l-proposta għal metodoloġija tal-aFRR. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 21(3)(a) u (c) tal-istess regolament jippreċiża li l-imsemmija proposta għandha tinkludi, mill-inqas, “id-disinn ta’ livell għoli tal-pjattaforma Ewropea” u “id-definizzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa biex titħaddem il-pjattaforma [aFRR]”. Din l-aħħar dispożizzjoni għandha tinqara flimkien mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, li jipprovdi b’mod partikolari li “[l]-pjattaforma [aFRR] imħaddma mit-TSOs jew permezz ta’ entità maħluqa mit-TSOs infushom, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-governanza u proċessi tan-negozju komuni u għandha tinkludi, tal-anqas, il-funzjoni ta’ ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO”.
- 105 Mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 104 iktar ‘il fuq jirriżulta li l-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO għandhom impliċitament jitqiesu li huma funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR li għandhom, bħala tali, jiġu ddefiniti fil-proposta ta’ metodoloġija tal-aFRR sottomessa mit-TSO. Madankollu, sa fejn l-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195 jistabbilixxi li l-pjattaforma aFRR tinkludi “tal-anqas, il-funzjoni ta’ ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO”, din id-dispożizzjoni ma teskludix li, fil-kuntest tad-disinn ta’ pjattaforma aFRR ta’ “livell għoli”, funzjoni oħra, minbarra l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO”, bħall-ġestjoni tal-kapaċità, tidher li tkun meħtieġa għall-operat ta’ din il-pjattaforma u, bħala tali, tiġi ddefinita fil-proposta għal metodoloġija tal-aFRR tat-TSO f’konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195, b’mod partikolari jekk iż-żieda ta’ funzjoni bħal din tidher li tkun meħtieġa biex jiġi żgurati disinn ta’ livell għoli ta’ dik il-pjattaforma li jissodisfa l-prinċipji ta’ governanza u proċessi tan-negozju komuni.
- 106 Huwa għalhekk essenzjalment mill-għanijiet segwiti mir-Regolament 2017/2195 u mill-kuntest tal-każ li għandu jiġi identifikat jekk il-ġestjoni tal-kapaċità kellhiex, bħall-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, titqies li hija funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR.
- 107 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-għanijiet imfittxija mir-Regolament 2017/2195 jippermettux li l-ġestjoni tal-kapaċità titqies bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, għandu jittfakkar li, kif ġie enfasizzat fil-premessa 1 tal-imsemmi regolament, suq intern tal-enerġija kompletament funzjonali u interkonness huwa kruċjali għaż-żamma tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, it-tisħiħ tal-kompetizzjoni u l-garanzija li l-prezzijiet tal-enerġija jkunu raġonevoli għall-konsumaturi kollha. L-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament 2017/2195 jindika, f’dan is-sens, li dan l-istess regolament huwa intiż b’mod partikolari li jintegra s-swieq tal-ibbilanċjar u jipromwovi l-opportunitajiet ta’ skambji ta’ servizzi tal-ibbilanċjar filwaqt li jikkontribwixxi għas-sigurtà operazzjonali. Kif huwa indikat fil-premessa 10 tal-imsemmi regolament, l-istabbiliment ta’ pjattaformi komuni Ewropej għall-implimentazzjoni tal-proċess tan-nettjar tal-ibbilanċi u l-kisba tal-kundizzjonijiet għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar tal-enerġija għandu jippermetti li tali integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija tal-ibbilanċjar tiġi ffaċilitata.
- 108 Kif huwa spjegat fil-premessa 6 tiegħu, ir-Regolament 2017/2195 għandu wkoll l-għan li jiggarrantixxi l-aħjar ġestjoni tas-sistema tat-trażmissjoni tal-elettriku Ewropea. L-Artikolu 3(2)(c) tal-istess regolament jipprovdi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri, l-ARN kompetenti u t-TSO għandhom japplikaw il-prinċipju tal-ottimizzazzjoni bejn l-ogħla effiċjenza globali u l-kostijiet totali l-iktar baxxi għall-partijiet kollha involuti.

- 109 Huwa f'dan il-kuntest li l-premessa 7 tar-Regolament 2017/2195 tesponi li “[j]enħtieġ li TSO [...] jibqgħu responsabbli għall-kompiti fdati lilhom [...] għall-iżvilupp ta’ metodoloġiji mifruxa madwar l-Ewropa kollha, kif ukoll l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta’ pjattaformi Ewropej għall-ibbilanċjar” u li l-premessa 10 tal-imsemmi regolament tippreċiża li “[l]-kooperazzjoni bejn it-TSOs jenħtieġ li tkun strettament limitata għal dak li huwa neċessarju għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-operat siguri u effiċjenti ta’ dawn il-pjattaformi Ewropej”.
- 110 Għaldaqstant, interpretazzjoni teleoloġika u kuntestwali tal-kunċett ta’ funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR twassal sabiex jitqies li din hija funzjoni li, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f’dak legali, tidher li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni u għal operat effikaċi u sigur tal-imsemmija pjattaforma.
- 111 Barra minn hekk, din il-konklużjoni hija kkorroborata minn tqabbil tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195, li minnu jirriżulta li l-kliem “required” bl-Ingliż jew “requis” bil-Franċiż ġew tradotti, b’mod partikolari fil-verżjonijiet biċ-Ċek, bil-Ġermaniż, bil-Kroat, bit-Taljan, bis-Slovakk u bis-Sloven ta’ din id-dispożizzjoni, b’termini li jista’ jkollhom ukoll it-tifsira ta’ “nécessaire” bil-Franċiż jew “necessary” bl-Ingliż.
- 112 F’dan ir-rigward, kif tesponi l-ACER fil-punti 138 sa 143 tar-risposta, ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti li n-neċessità li l-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli, li fuqha hija bbażata l-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, tiġi aġġornata b’mod kontinwu hija kemm realtà teknika kif ukoll obbligu legali impost fuq it-TSO.
- 113 Fuq il-livell tekniku, kif jirriżulta mill-proposti suċċessivi tal-aFRRIF u, b’mod partikolari, mill-Artikolu 3(4)(b) ta’ dawn tal-aħħar, fil-kuntest tal-pjattaforma aFRR, l-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli huwa fattur essenzjali tal-funzjoni ta’ ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni, li fiha nnifisha hija funzjoni meħtieġa tal-pjattaforma aFRR intiża sabiex ittejjeb l-attivazzjoni tal-offerti tal-enerġija tal-ibbilanċjar li għandhom l-aħjar klassifikazzjoni (fil-lista fl-ordni tal-mertu komuni) filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet tat-trażmissjoni transżonali limitati li huma disponibbli. Fil-fatt, sabiex jiġu organizzati skambji tal-enerġija tal-ibbilanċjar li huma suġġetti għal restrizzjonijiet fuq it-trażmissjoni u, għaldaqstant, sabiex l-imsemmija skambji jiġu allokatu l-kapaċitajiet tat-trażmissjoni limitati b’mod ottimali, jeħtieġ, l-ewwel, li l-kapaċitajiet tat-trażmissjoni disponibbli jkunu jistgħu jkunu magħrufin u jiġu kkalkolati. Għalhekk, il-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, li fil-kuntest tagħha jsir l-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli, hija element teknikament indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tal-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni. Barra minn hekk, kif ġie indikat fil-punt 193 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li l-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli, li huwa sottostanti għall-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, għandu jitwettaq u li r-riżultat tiegħu għandu jiddaħħal fil-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni sabiex il-pjattaforma aFRR tkun tista’ tiġi operata b’mod effiċjenti.
- 114 Fil-livell ġuridiku, l-Artikolu 37(1) tar-Regolament 2017/2195 jimponi fuq it-TSO, wara l-ħin tal-għeluq tan-negożju transżonali tal-istess ġurnata, li jaġġornaw il-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli kontinwament, jiġifieri kull darba li parti mill-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali tintuża jew li l-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali tiġi kkalkolata mill-ġdid, għall-finijiet tal-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar jew tan-nettjar tal-iżbilanċi. Barra minn hekk, f’konformità mal-Artikolu 37(3) tar-Regolament 2017/2195, kien previst li, sa ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, it-TSO kollha ta’ reġjun ta’ kalkolu tal-kapaċità kellhom jiżviluppaw metodoloġija għall-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali

- fil-perijodu taż-żmien tal-ibbilanċjar. Qabel l-implimentazzjoni ta' din il-metodoloġija, dawn l-istess TSO kellhom, skont l-Artikolu 37(2) ta' dan l-istess regolament, jużaw il-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali li jifdal wara l-ħin tal-għeluq tan-negozju transżonali tal-istess ġurnata.
- 115 Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni doppja, il-funzjoni li tippermetti li l-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli tiġi kkalkolata u aġġornata b'mod kontinwu, billi tiġi segwita metodoloġija armonizzata fir-rigward tat-TSO kollha, għandha tiġi kkunsidrata, fid-dawl tal-għan li jiġi żgurat operat effiċjenti u sigur tal-pjattaforma aFRR segwit mir-Regolament 2017/2195, bħala li hija, kemm mil-lat tekniku kif ukoll minn dak ġuridiku, funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma li d-disinn tagħha, kif imfakkar fl-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament 2017/2195, irid ikun ta' livell għoli u jikkonforma mal-prinċipji ta' governanza u ma' proċessi tan-negozju komuni.
- 116 Il-fatti tal-każ jikkonfermaw li l-funzjoni li tippermetti, fil-kuntest tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, li l-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli tiġi kkalkolata u aġġornata kontinwament għall-finijiet tal-inklużjoni awtomatika tagħha, bħala fattur, fil-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni tal-pjattaforma aFRR ġiet tabilħaqq meqjusa bħala li hija funzjoni meħtieġa għall-operat ta' din il-pjattaforma, li kienet ir-raġuni għaliex it-TSO iddeċidew li jżiduha magħha, għalkemm iddifferew din iż-żieda għal żmien iktar 'il quddiem.
- 117 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, sa mill-proposta inizjali tal-aFRRIF, it-TSO indikaw, fl-Artikolu 3(4)(b) u (7) tal-imsemmija proposta, li jiddeskrivu l-arkitettura ta' livell għoli li kellu jkollha l-pjattaforma aFRR, li, fil-kuntest ta' din il-pjattaforma, l-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli kien fattur essenzjali tal-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni li kellu jiġi kkalkolat, minn kull TSO, f'konformità mal-proċess deskritt fl-Artikolu 4(2) tal-istess proposta. Dan l-aħħar artikolu, dwar il-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli bħala fattur għall-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni, kien jiddeskrivi b'mod espliċitu, fil-paragrafu 5 tiegħu, il-proċess ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli bħala parti integrali mill-pjattaforma aFRR. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1) u (4) tal-proposta inizjali tal-aFRRIF, intitolat "Funzjonijiet tal-pjattaforma aFRR", kien jipprovdi li, jekk dan jitqies li huwa effiċjenti waqt l-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali fil-perijodu taż-żmien tal-ibbilanċjar, f'konformità mal-Artikolu 37(3) tar-Regolament 2017/2195, ma' din il-pjattaforma tista' tizzied funzjoni ta' kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli, li l-għan tagħha jkun li timplimenta l-imsemmija metodoloġija. Fl-aħħar, l-Artikolu 12 tal-proposta inizjali tal-aFRRIF kien jipprevedi li l-funzjonijiet kollha tal-pjattaforma aFRR għandhom jiġu eżegwiti minn entità waħda maħtura mit-TSO kollha kkonċernati, li tkun jew konsorzju tal-imsemmija TSO, jew kumpannija proprjetà ta' dawn l-istess TSO.
- 118 Matul il-fażi ta' konsultazzjoni li saret dwar il-proposta inizjali tal-aFRRIF, l-ewwel mal-ANR, imbagħad mal-ACER, żviluppa dibattitu dwar l-aħjar mod li bih għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, fl-aFRRIF, il-proċess ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli. Fid-dawl ta' dan id-dibattitu, it-TSO, bi qbil komuni, aċċettaw li jiżviluppaw il-proposta inizjali tal-aFRRIF biex jinkludu formalment, fl-Artikoli 3, 4 u 6 tal-proposti emendati, riferiment għall-ġestjoni tal-kapaċità bħala funzjoni li tippermetti li t-TSO kollha u l-pjattaforma aFRR jipproċedu bl-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli sabiex, f'kull mument, il-limiti neċessarji għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar jew tan-nettjar tal-iżbilanċi jkun jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni. Din

il-funzjoni kellha tiġi introdotta fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-pjattaforma aFRR. Barra minn hekk, skont il-prinċipju tal-ottimizzazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament 2017/2195 (ara l-punt 108 iktar 'il fuq), it-TSO indikaw lill-ARN u lill-ACER l-intenzjoni tagħhom li jadottaw approċċ ikkoordinat u ċentralizzat għall-proċess tal-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli, fil-kuntest tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, għall-pjattaformi Ewropej kollha għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar. Huma xtaqu li, jekk pjattaformi oħra minbarra l-pjattaforma aFRR kellu jkollhom l-istess funzjoni bħall-ġestjoni tal-kapaċità, din il-funzjoni kellha tkun identika għal dawk il-pjattaformi kollha, dejjem sakemm l-obbligu ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli jkun impost fuq kull waħda minnhom. L-Artikolu 12 li jinsab fit-tielet proposta tal-aFRRIF emendata sottomessa, bi qbil komuni, mit-TSO kien jipprovdli li l-funzjonijiet kollha speċifikament meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR kellhom jiġu eżegwiti minn entità waħda maħtura mit-TSO kollha kkonċernati u li kellha tkun jew waħda minn dawn it-TSO, jew kumpannija proprjetà tal-imsemmija TSO.

- 119 Kif jirriżulta mill-iskema ta' governanza tal-pjattaforma aFRR riprodotta fil-parti "Introduzzjoni" tat-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, it-TSO, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-obbligu ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli kien impost fuq kull waħda mill-pjattaformi Ewropej ta' skambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar, ikkonstataw, bi qbil komuni, li l-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità kienet, fil-fatt, funzjoni ta' pjattaformi multipli, fis-sens li kien ser ikollha titwettaq, maż-żmien, b'mod ikkoordinat u ċentralizzat minn dawn il-pjattaformi kollha. Il-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar permezz tal-pjattaforma aFRR kellu jiġi mmaniġġjat, għat-TSO kollha kkonċernati, minn "modulu informatiku tal-ġestjoni tal-kapaċitajiet" li jdaħħal direttament ir-riżultati miksuba fil-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni tal-pjattaforma aFRR. It-TSO indikaw li xtaqu jibqgħu liberi li jkunu jistgħu jafdaw il-ġestjoni tal-kapaċità, f'din il-forma kkoordinata u ċentralizzata, lil entità li ma hijiex l-entità unika responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issetiljar TSO-TSO. Fl-istennija tal-implimentazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, f'din il-forma kkoordinata u ċentralizzata, it-TSO kienu jqisu li, teoretikament, l-entità unika responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issetiljar TSO-TSO tista' wkoll teżegwixxi l-ġestjoni tal-kapaċità billi ddaħħal, fil-funzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni, id-data li tkun ġiet ipprovduta minn kull wieħed mit-TSO ikkonċernati.
- 120 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li t-TSO responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-operat tal-pjattaforma aFRR, li kellha tkun pjattaforma "ta' livell għoli" u "bbażata fuq il-prinċipji tal-governanza u proċessi tan-negozju komuni", iddeċidew huma stess, għal raġunijiet ta' effiċjenza, li jżidu mal-pjattaforma aFRR, funzjoni għall-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali disponibbli, li hija sottostanti għall-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità, f'konformità ma' dak li kien ġie sistematikament previst fl-Artikolu 6(1) tal-proposti suċċessivi tagħhom għall-aFRRIF. Is-sempliċi fatt li ż-żieda ta' din il-funzjoni ġiet iddifferita għal żmien iktar 'il quddiem ma jbidel xejn mill-fatt li, sa mill-bidu, din il-funzjoni l-ġdida kienet meqjusa bħala funzjoni meħtieġa għall-operat ta' pjattaforma aFRR ta' livell għoli. Fil-fatt, dan id-differiment kien legalment previst u teknikament neċessarju sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, minn naħa u f'konformità mal-Artikolu 37(3) tar-Regolament 2017/2195, it-TSO kellhom ifasslu minn qabel metodoloġija għall-kalkolu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transżonali fil-perijodu taż-żmien tal-ibbilanċjar u, min-naħa l-oħra u sa fejn, sabiex jissodisfaw il-prinċipju ta' ottimizzazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament 2017/2195, l-imsemmija TSO kienu ddeċidew li din

il-funzjoni għandha tiġi eżegwita permezz ta' modulu informatiku, b'mod ikkoordinat u ċentralizzat, fil-livell ta' pjattaformi multipli, huma kellhom ukoll jimplementaw minn qabel dan il-modulu u jorganizzaw il-ġestjoni tiegħu.

- 121 B'hekk, l-argument irrepertut diversi drabi mir-rikorrenti, b'mod partikolari waqt is-seduta, li l-pjattaforma aFRR kienet ser topera, għal xi żmien, mingħajr ma tiġi introdotta funzjoni ġdida ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli, f'forma kkoordinata u ċentralizzata, huwa irrilevanti peress li, sa mill-bidu, iż-żieda ta' tali funzjoni mal-imsemmija pjattaforma kienet prevista, sabiex din tissodisfa, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak legali, ir-rekwiżiti ta' dan id-disinn ta' livell għoli, f'termini ta' effiċjenza u sigurtà, u l-fatt li din iż-żieda ġiet iddifferita b'sentejn, li jimplika operat inqas minn ottimali tal-pjattaforma aFRR matul dan il-perijodu inizjali, kien biss dovut għal-limitazzjonijiet tekniċi u legali li ltaqa' magħhom l-iżvilupp ta' dik il-funzjoni.
- 122 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-funzjoni ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli, li hija sottostanti għall-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, u, għaldaqstant, il-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità stess għandhom jiġu kklassifikati globalment bħala funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Din il-konklużjoni hija kkorroborata wkoll min-neċessità li jiġi ggarantit li l-funzjonijiet meħtieġa, jiġifieri l-ġestjoni tal-kapaċità, l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, fil-każ fejn dawn jiġu eżegwiti minn entitajiet differenti, jiġu eżegwiti b'mod ikkoordinat, koerenti u effiċjenti, f'konformità mar-rekwiżiti addizzjonali tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195. Għalhekk, tali klassifikazzjoni ma ċaħħad lit-TSO mill-ebda libertà fir-rigward tal-għażla tal-entità proposta sabiex teżegwixxi l-ġestjoni tal-kapaċità, li tista' tkun differenti minn dik inkarigata mill-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issetiljar TSO-TSO. F'dan ir-rigward, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, ir-rikorrenti barra minn hekk baqgħu ma wrewx, b'mod suffiċjenti fid-dritt, raġuni fattwali rilevanti li għaliha l-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità ma għandhiex tosserva, f'dan il-każ, ir-rekwiżiti addizzjonali tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195.
- 123 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma spjegawx, u lanqas ma stabbilixxew *a fortiori*, kif il-fatt li r-Regolament 2017/2195 għandu n-natura ta' att ta' implimentazzjoni jista' jkollu impatt fuq il-klassifikazzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Għaldaqstant, l-argument tagħhom f'dan ir-rigward għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.
- 124 Mill-evalwazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq jirriżulta li l-argument tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell qies, b'mod żbaljat, li l-ACER ma kinitx imponiet li t-TSO jieħdu inkunsiderazzjoni l-ġestjoni tal-kapaċità bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR huwa infondat fil-fatti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 122 iktar 'il fuq, huwa l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195, moqri fid-dawl tal-Artikolu 37 tal-istess regolament, u mhux id-Deċiżjoni 02/2020 jew l-aFRRIF ikkontestat, kif ikkonfermati mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, li imponew fuq it-TSO l-obbligu li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ġestjoni tal-kapaċità, bħala proċess ikkoordinat u ċentralizzat fil-livell ta' pjattaformi multipli ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli, bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens tal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195. Fir-rigward tal-fatt li l-ACER, kif ikkonfermat f'dan ir-rigward mill-Bord tal-Appell, qieset li hija kellha tevalwa l-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tat-tielet proposta emendata tal-aFRRIF sottomessa mit-TSO, billi tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens

tal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195, dan kien totalment iġġustifikat fid-dawl tal-kompetenza deċiżjonali li din kellha, skont l-Artikolu 6(10)(b) tar-Regolament 2019/942, moqri flimkien mal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 u f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, jekk il-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens tal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195, kien hemm lok, sa fejn għall-eżekuzzjoni tagħha t-TSO kellhom l-intenzjoni li jaħtru entità differenti minn daww responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issetiljar TSO-TSO, li huma juru u jiggarrantixxu li r-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 jiġu osservati.

125 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, ir-raba' parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

– Fuq il-ħames u s-sitt parti tat-tieni motiv, ibbażati, minn naħa, fuq eżami insuffiċjenti mill-Bord tal-Appell tal-motivi speċifiċi invokati quddiemu fir-rigward tal-applikazzjoni illegali mill-ACER tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 għall-ġestjoni tal-kapaċità u għall-funzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u, min-naħa l-oħra, fuq l-allegazzjoni li dan il-Bord kien żbaljat meta ddeċieda li l-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kien japplika għall-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzjonali disponibbli u għall-funzjonijiet l-oħra meħtieġa

126 Fost ir-rikorrenti, il-grupp A, fil-kuntest tal-ħames parti tat-tieni motiv, jilmenta li l-Bord tal-Appell ma vverifikax l-applikazzjoni mill-ACER, fid-Deċiżjoni 02/2020, tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 fid-dawl tal-motivi speċifiċi kollha li huwa kien invoka quddiemu. Kif indika fil-motivi tiegħu, il-ġestjoni tal-kapaċità ma kinitx funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Barra minn hekk, l-ebda ARN ma kienet eżiġiet l-inklużjoni tagħha fost il-funzjonijiet meħtieġa elenkati fil-proposta inizjali tal-aFRRIF. Fl-aħħar, it-TSO ma pproponewx li jaħtru, sabiex teżegwixxi l-ġestjoni tal-kapaċità, entità oħra għajr dik diġà inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issetiljar TSO-TSO.

127 Fil-kuntest tas-sitt parti tat-tieni motiv, il-grupp A jsostni li l-ACER illegalment imponiet fuq it-TSO l-obbligu li jinkludu l-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u li, anki jekk jitqies li l-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 kien applikabbli għall-ġestjoni tal-kapaċità, hija kienet żbaljata meta imponiet fuq it-TSO, fl-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat, l-obbligu li josservaw ir-rekwiżiti addizzjonali, previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, li kienu jkunu applikabbli biss kieku t-TSO kienu effettivament iddeċidew li jaħtru diversi entitajiet biex jeżegwixxu l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, li ma kienx il-każ f'dan il-każ.

128 L-ACER tikkontesta l-argumenti tal-grupp A u titlob li l-ħames parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.

129 F'dan il-każ, il-Bord tal-Appell ikkonferma d-Deċiżjoni 02/2020 li kienet teżiġi li t-TSO juru li l-proposta tagħhom kienet tosserva r-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, għar-raġuni li, fil-fehma tiegħu, dawn it-TSO kienu eventwalment ipprevedew li jaħtru entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, differenti minn dik inkarigata mill-implimentazzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO.

- 130 Sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-ħames u s-sitt partijiet tat-tieni motiv, għandu jiġi eżaminat jekk, kif isostni l-Grupp A, l-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 japplikax biss għall-funzjonijiet iddefiniti fil-proposta tat-TSO jew, kif issostni l-ACER, jekk japplikax għall-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fosthom il-ġestjoni tal-kapaċità.
- 131 L-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 jipprovdi kif ġej:
- “Il-proposta [tal-metodoloġija tal-aFRR i]msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:
- [...]
- e) id-deżinjazzjoni proposta tal-entità jew entitajiet li jwettqu l-funzjonijiet definiti fil-proposta. Fejn it-TSOs jipproponu li jiddeżinjaw aktar minn entità waħda, il-proposta għandha turi u tiżgura:
- i) allokazżjoni koerenti tal-funzjonijiet lill-entitajiet li jħaddmu l-pjattaforma Ewropea; Il-proposta għandha tqis bis-sħiħ il-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-funzjonijiet differenti allokatil lill-entitajiet li joperaw il-pjattaforma Ewropea;
 - ii) li l-konfigurazzjoni proposta tal-pjattaforma Ewropea u l-allokazżjoni ta' funzjonijiet tiżgura governanza, tħaddim u superviżjoni [mill-ARN] effiċjenti u effettivi, tal-pjattaforma Ewropea kif ukoll jappoġġaw l-għanijiet ta' dan ir-Regolament;
 - iii) proċess effettiv għall-koordinazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex tissolva kull pożizzjoni konfliġġenti bejn l-entitajiet li joperaw il-pjattaforma Ewropea”.
- 132 Ċertament, fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, isir riferiment biss għall-“funzjonijiet definiti fil-proposta”. Madankollu, fid-dawl tad-dikjarazzjoni fil-paragrafu 3 tal-istess artikolu, l-uniċi funzjonijiet li għandhom jiġu ddefiniti fil-proposta huma, skont l-Artikolu 21(3)(c) tal-imsemmi regolament, il-“funzjonijiet meħtieġa biex titħaddem il-pjattaforma [aFRR]”.
- 133 Konsegwentement, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament 2017/1295 jirriżulta b'mod ċar li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/1295 hija suġġetta għall-kundizzjoni tal-ħatra, fil-proposta għal metodoloġija tal-aFRR, ta' diversi entitajiet inkarigati mill-funzjonijiet differenti meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, kif iddefiniti f'konformità mal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/1295 tal-istess regolament.
- 134 Issa, f'dan il-każ, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li l-ACER, fid-Deċiżjoni 02/2020, l-istess bħall-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, ilmentat li t-TSO, filwaqt li kienu pproponew li jaħtru entità inkarigata mill-ġestjoni tal-kapaċità li tista' tkun differenti minn dik inkarigata mill-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, ma kinux urew u ma żgurawx, f'tali ipoteżi, l-osservanza tar-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195.
- 135 Min-naħa l-oħra, it-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, li finalment ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-ACER, kienet tipprevedi l-indikazzjoni ta' entità unika inkarigata miż-żewġ funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR fis-sens tal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195, li kienu espressament imsemmija fl-Artikolu 21(2) ta' dan l-istess regolament, jiġifieri l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO. Il-ġestjoni

tal-kapaċità kienet ukoll ittieħdet inkunsiderazzjoni, fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, bħala funzjoni ta' pjattaformi multipli li l-eżekuzzjoni tagħha kienet neċessarja għall-operat tal-pjattaforma aFRR, anki jekk ma kinitx ġiet ikklassifikata, fiha, bħala funzjoni meħtieġa għall-imsemmi operat, fis-sens tal-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195. Madankollu, f'konformità mal-konklużjoni misluta fil-punt 122 iktar 'il fuq fi tmiem l-eżami tar-raba' parti tat-tieni motiv, il-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, l-istess bħall-ACER fid-Deċiżjoni 02/2020 tagħha, għustament qies li l-ġestjoni tal-kapaċità, kif prevista fl-Artikolu 37 tar-Regolament 2017/2195, kienet tikkostitwixxi funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens tal-Artikolu 21(3)(c) tal-istess regolament.

136 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-grupp A ma huwiex fondat li jsostni li r-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 ma kinux applikabbli għall-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità.

137 Għaldaqstant, il-ħames u s-sitt parti tat-tieni motiv, ikkunsidrati flimkien, għandhom jiġu miċħuda.

– Fuq is-seba' parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li l-ġestjoni tal-kapaċità kellha tiġi inkluża fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR imsemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195, bħala funzjoni ta' pjattaformi multipli marbuta mal-ibbilanċjar

138 Il-grupp A jilmenta li l-Bord tal-Appell, essenzjalment, illegalment iddeċieda li l-ġestjoni tal-kapaċità kellha tiġi inkluża fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195 meta din kienet funzjoni ta' pjattaformi multipli marbuta mal-ibbilanċjar. L-ewwel, anki jekk jitqies li l-ACER kellha bażi legali, li hija ma identifika, sabiex tinkludi l-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR imsemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195, dan ir-regolament ma tagħha l-ebda kompetenza sabiex teżiġi, kif għamlet fl-Artikolu 4(6) tal-aFRRIF ikkontestat, li l-ġestjoni tal-kapaċità għandu jkollha kontenut identiku u tiġi eżegwita mill-istess entità għall-pjattaformi Ewropej kollha tal-ibbilanċjar. It-tieni, il-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat, fil-punt 222 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rekwiżit li l-ġestjoni tal-kapaċità tiġi introdotta fil-forma ta' funzjoni ta' pjattaformi multipli ma kienx obbligu ġdid impost mill-ACER. Dan kien kontradett mill-argumenti tal-ACER esposti fil-punt 170 tar-risposta tagħha quddiem il-Bord tal-Appell u ma kienx ikkonfermat mir-rapport tal-ACER tal-2015, dwar l-għanijiet tal-ibbilanċjar tal-enerġija, imsemmi fil-punt 222 tad-deċiżjoni kkontestata, li kien jirrigwarda biss l-iskambji transkonfinali tal-enerġija tal-ibbilanċjar u mhux il-funzjonijiet ta' pjattaformi multipli. Dan lanqas ma ġie kkonfermat mill-evalwazzjonijiet tat-TSO dwar l-effiċjenza u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità komuni għall-pjattaformi Ewropej kollha tal-ibbilanċjar, imsemmija fil-punti 224 u 225 tad-deċiżjoni kkontestata, li ġew ifformulati fir-rigward tal-modulu informatiku tal-ġestjoni tal-kapaċità ċentralizzata f'livell ta' pjattaformi multipli u mhux għall-ġestjoni tal-kapaċità, bħala funzjoni meħtieġa għall-operat ta' dawn il-pjattaformi kollha. Fl-aħħar, huwa irrilevanti li jsir riferiment, f'dan ir-rigward, għan-nota informali tal-ARN, peress li l-aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli mit-TSO, f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament 2017/2195, ma hijiex funzjoni tal-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar, b'tali mod li titwettag taħt il-kontroll tal-ARN, mingħajr ma taqa' taħt is-sorveljanza regolatorja tal-ACER.

139 L-ACER tikkontesta l-argumenti mressqa mill-grupp A u titlob li s-seba' parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.

- 140 F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandu jittfakkar li l-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament 2017/2195 jipprevedu l-adozzjoni ta' metodoloġija għal kull waħda mill-pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar, jiġifieri, rispettivament, il-pjattaforma Ewropea għall-iskambju ta' enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi ta' rimpjazzament, il-pjattaforma għall-iskambju ta' enerġija mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni manwali, il-pjattaforma aFRR u l-pjattaforma Ewropea għall-proċess tan-nettjar tal-iżbilanċi. L-imsemmija artikoli kollha kemm huma jinkludu dispożizzjonijiet simili, b'mod partikolari paragrafu 3(e), li jipprovdi li, fil-preżenza ta' diversi entitajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni ta' funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma Ewropea ddefiniti fil-proposta għall-metodoloġija inkwistjoni, l-imsemmija proposta għandha turi u tiggarrantixxi l-osservanza ta' tliet rekwiżiti addizzjonali.
- 141 It-tieni, għandu jiġi kkonstatat li, fl-introduzzjoni tat-tielet proposta tal-aFRRIF, it-TSO indikaw b'mod espliċitu li “[l-]pjattaformi kollha [kellhom] jużaw l-istess funzjoni ta' pjattaformi multipli tal-ġestjoni tal-kapaċità [...] minbarra l-funzjonijiet speċifiċi tal-pjattaformi previsti”. Huma kienu ppreċiżaw li entità waħda kienet ser tkun inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet speċifiċi għall-pjattaformi, jiġifieri l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, u li entità waħda, fil-forma ta' TSO jew ta' kumpannija proprjetà tat-TSO, kienet ser tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-kapaċità, bħala funzjoni ta' pjattaformi multipli. Dijagramma intitolata “Struttura ta' governanza”, li turi żewġ żoni vertikali li kull waħda minnhom tikkorrispondi għal żewġ pjattaformi differenti, jiġifieri l-pjattaforma aFRR u l-pjattaforma għall-iskambju ta' enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni manwali, kienet tidentifika b'mod ċar, minn naħa, iż-żewġ funzjonijiet speċifiċi għal kull waħda minn dawk il-pjattaformi, jiġifieri l-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, eżegwiti minn entità waħda, u min-naħa l-oħra, entità waħda għaż-żewġ pjattaformi, inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità.
- 142 It-tielet, għandu jiġi kkonstatat li din l-istess dijagramma, intitolata mill-ġdid “Struttura ta' governanza u funzjonijiet”, ġiet riprodotta fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, meħuda inkunsiderazzjoni mill-ACER. Min-naħa l-oħra, it-TSO kienu ppreċiżaw li l-ġestjoni tal-kapaċità ma kinitx funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma kkonċernata, iżda funzjoni ta' pjattaformi multipli, miżjuda sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni bejniethom. Bl-istess mod, dejjem fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, it-TSO kienu indikaw li huma kellhom l-intenzjoni “li jimmassimizzaw l-effiċjenza tal-pjattaformi billi jistabbilixxu funzjonijiet ta' pjattaformi multipli”. Minn dan huma kienu ddeduċew li, peress li l-ġestjoni tal-kapaċità ma kinitx funzjoni meħtieġa għall-operat ta' pjattaforma, ir-rekwiżiti addizzjonali previsti fil-paragrafi 3(e) tal-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament 2017/1295, fil-każ li jinħatru diversi entitajiet inkarigati sabiex jeżegwixxu tali funzjoni, ma kinux applikabbli.
- 143 Mill-konstatazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, kif issostni l-ACER, it-TSO stess, fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, kienu pproponew, għal raġunijiet intiżi li jtejjbu l-koordinazzjoni bejn il-pjattaformi ta' bbilanċjar, li tinħatar entità unika inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità, bħala funzjoni ta' pjattaformi multipli. Ċertament, għall-kuntrarju tal-ACER, it-TSO kienu sostnew li l-ġestjoni tal-kapaċità ma kinitx funzjoni meħtieġa għall-operat ta' kull pjattaforma. Madankollu, f'konformità mal-konklużjoni misluta fil-punt 122 iktar 'il fuq wara l-eżami tar-raba' parti tat-tieni motiv, din l-allegazzjoni ma hijiex fondata. Fi kwalunkwe każ, mit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF jirriżulta li t-TSO stess esprimew l-interess tagħhom li jaħtru entità waħda sabiex teżegwixxi l-imsemmija funzjoni, kif sostnew ukoll l-ACER u l-Bord tal-Appell.

144 Konsegwentement, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' liġi meta kkonferma d-Deċiżjoni 02/2020, li bl-ebda mod ma kienet imponiet fuq it-TSO li jqisu l-ġestjoni tal-kapaċità, bħala funzjoni ta' pjattaformi multipli, fil-proposta tagħhom għall-aFRRIF, peress li huma stess aċċettaw li jiżviluppawha matul il-fażi ta' konsultazzjoni, l-ewwel mal-ANR, imbagħad mal-ACER.

145 Konsegwentement, is-seba' parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċhuda.

– Fuq it-tmien parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li l-ACER ma kinitx kisret ir-Regolament 2017/2195, b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) u l-Artikolu 10 tiegħu, billi obbligat lit-TSO jipproponu emenda għall-metodoloġija tal-aFRR

146 Il-grupp A jikkritika lill-Bord tal-Appell talli wettaq żball ta' liġi meta ddeċieda li l-obbligu impost mill-ACER fuq it-TSO li jippreżentaw proposta għal emenda tal-metodoloġija tal-aFRR kien legali, minkejja li ma kienet teżisti l-ebda bażi legali sabiex isir dan u li l-ACER ma kellha l-ebda kompetenza sabiex iġġiegħel lit-TSO jippreżentaw proposta għall-emenda ta' din il-metodoloġija. Mill-punti 145 sa 152 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, għall-kuntrarju ta' dak li l-ACER sostniet quddiemu, il-Bord tal-Appell qies li dan l-obbligu kien previst mir-Regolament 2017/2195 u ma kienx jirriżulta mid-Deċiżjoni 02/2020. Kien b'mod kontradittorju li l-Bord tal-Appell, fil-punt 149 tad-deċiżjoni kkontestata, allega li l-konsultazzjoni pubblika fuq l-ewwel proposta tat-TSO kienet konformi mal-Artikolu 10 tar-Regolament 2017/2195 filwaqt li la l-inklużjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, u lanqas il-proposta għal emenda tal-metodoloġija tal-aFRR ma ssemwew f'din il-proposta. Fl-aħħar, f'deċiżjoni sussegwenti tat-22 ta' Diċembru 2020, fil-Każ A-008-2020, il-Bord tal-Appell qies, għall-kuntrarju ta' dak li kien għamel fid-deċiżjoni kkontestata, li l-Artikolu 6(3) tar-Regolament 2017/2195 ma kienx japplika għall-ħolqien, iżda biss għall-emenda, ta' metodoloġija ta' pjattaforma tal-ibbilanċjar Ewropea.

147 L-ACER tikkontesta l-argumenti mressqa mill-grupp A u titlob li t-tmien parti tat-tieni motiv tiġi miċħuda.

148 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, ċertament, kif jirriżulta mid-Deċiżjoni 02/2020 kif ikkonfermata mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, l-ACER kienet talbet lit-TSO jfasslu proposta għall-emenda tal-metodoloġija FRR, sabiex jipproċedu, kif kien previst fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, bil-ħatra tal-entità responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità.

149 Madankollu, din it-talba tal-ACER kienet espliċitament iġġustifikata mill-fatt li l-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u li, għaldaqstant, fil-każ fejn diversi entitajiet ikunu inkarigati mill-eżekuzzjoni tad-diversi funzjonijiet meħtieġa għall-operat ta' din il-pjattaforma, ir-rekwiżiti addizzjonali, previsti fl-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, iridu jiġu osservati.

150 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, fil-premessi 76 sa 84 tad-Deċiżjoni 02/2020 u, b'mod partikolari, fil-premessa 82 tagħha, l-ACER formalment iddikjarat li l-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità għandha tiġi introdotta, bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, iżda li, sabiex it-TSO jingħataw iż-żmien neċessarju biex isolvu l-problemi marbuta man-natura ta' pjattaformi multipli tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità, il-proposta ta' entità inkarigata mill-eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni setgħet tiġi posposta u ssir sa sentejn wara l-implimentazzjoni tal-pjattaforma aFRR. Huwa għalhekk li hija talbet lit-TSO jagħmlu proposta għall-emenda

tal-metodoloġija tal-aFRR li fiha huma kellhom jindikaw l-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità, fl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195.

- 151 F'konformità mal-konklużjoni misluta fil-punt 122 iktar 'il fuq fi tmiem l-eżami tar-raba' parti tat-tieni motiv, l-ACER u, sussegwentement, il-Bord tal-Appell ġustament ikklassifikaw il-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-kompetenza deċiżjonali li hija għandha abbażi tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942, moqri flimkien mal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195 u f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan l-aħħar regolament, l-ACER kellha tindika lit-TSO jekk u, jekk ikun il-każ, taħt liema kundizzjonijiet l-aFRRIF propost minnhom kienx jew kienx ser ikun konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti għażliet li kienu għadhom iridu jsiru, b'mod partikolari fir-rigward tal-entità li kienet ser tkun inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità fil-mument tal-introduzzjoni tagħha f'forma ċentralizzata, f'Lulju 2024.
- 152 Barra minn hekk, l-approvazzjoni mill-ACER tal-metodoloġija tal-aFRR proposta mit-TSO, taħt ċerti kundizzjonijiet relatati mal-fatt li din il-metodoloġija tiġi kkompletata mit-TSO, f'ċertu perijodu ta' żmien, fir-rigward ta' ċerti aspetti li tħallew miftuħa, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, ma għandhiex titħawwad ma' proposta tat-TSO li temenda din il-metodoloġija stess, wara l-approvazzjoni tagħha mill-awtoritajiet regolatorji. F'dan il-każ, il-kundizzjoni, imposta fl-aFRRIF ikkontestat, li tgħid li, tmien xhur qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, it-TSO għandhom jaħtru l-entità inkarigata li teżegwixxi l-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament 2017/2195, hija kundizzjoni għall-approvazzjoni stess tal-imsemmi aFRRIF u mhux emenda sussegwenti għal dan tal-aħħar, introdotta f'konformità mal-proċedura ta' emenda prevista fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament 2017/2195.
- 153 Għaldaqstant, it-tmien parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċhuda.
- 154 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha magħmula dwar it-tmien partijiet tat-tieni motiv, l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm huwa.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur mill-Bord tal-Appell, matul il-proċedura quddiemu, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-obbligi legali imposti fuqu

- 155 Sa fejn, fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jew il-grupp A biss jinvokaw ksur mill-Bord tal-Appell, matul il-proċedura quddiemu, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ggarantit mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), għandu jiġi rrilevat li dawn jakkużaw, b'mod iktar preċiż, lill-imsemmi bord li kiser l-obbligu tiegħu li jittratta l-każijiet miġjuba quddiemu b'mod indipendenti, imparzjali u diliġenti, id-dritt tagħhom għal smiġħ, id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-fajl u l-obbligu ta' motivazzjoni. Barra minn hekk, huma jallegaw li l-Bord tal-Appell ma wettaqx sħarriġ sħiħ fuq id-Deċiżjoni 02/2020 u li wettaq żball ta' interpretazzjoni u għamel eżami insuffiċjenti tal-motivi li huma kienu qajmu quddiemu.

– Fuq il-ksur tal-prinċipji ta' indipendenza, ta' imparzjalità u ta' eżami diliġenti

- 156 Ir-rikorreni jsostnu li, f'konformità mal-Artikolu 41 tal-Karta, minn qari flimkien tal-premessa 34 kif ukoll tal-Artikolu 26(2) u tal-Artikolu 28(4) tar-Regolament 2019/942 jirriżulta li l-eżami tal-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-ACER għandu jsir mill-Bord tal-Appell b'indipendenza u b'imparzjalità sħiħa u b'mod kuxjenzjuż u diliġenti. Issa, fid-deċiżjoni kkontestata, dan fuq kolloxx għamel sforz sabiex jiġġustifika d-Deċiżjoni 02/2020 u, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, l-ACER lanqas ma wiegħbet għall-motivi u għall-ilmenti tagħhom. L-ewwel, minn naħa, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ikkontesta li l-ACER kienet imponiet il-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità, minkejja li din stess kienet ammettiet dan, fil-punt 208 tar-risposta li hija kienet ippreżentat fil-kuntest tal-proċedura quddiemu. Min-naħa l-oħra, fil-parti tad-deċiżjoni kkontestata ddedikata għall-preżentazzjoni tal-fatti, huwa kkonstata li l-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni speċifika tal-pjattaforma aFRR, billi ċaħad li huma kienu kkontestaw dan quddiemu u billi rriproduċa elementi tar-risposta tal-ACER. It-tieni, filwaqt li l-assenza ta' konsultazzjoni organizzata mill-ACER fuq it-tielet proposta emendata tal-aFRRIF kienet ġiet ikkritikata quddiemu mill-grupp A, il-Bord tal-Appell, fil-parti ddedikata għall-preżentazzjoni tal-fatti tad-deċiżjoni kkontestata, indika li l-ACER kienet ġiet limitata mit-terminu ta' sitt xhur li hija kellha sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar il-proposta tat-TSO, li kien jiskadi fl-24 ta' Jannar 2020, u li hija ma setgħetx titlob li t-TSO jikkompletaw mill-ġdid il-proposta tagħhom. Fil-punti 162, 199 u 260 tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr spjegazzjoni jew prova, il-Bord tal-Appell ta ġudizzju pożittiv u suġġettiv dwar l-aġir tal-ACER f'dan ir-rigward. It-tielet, kien mingħajr ebda ġustifikazzjoni, ħliet biex jikkawża preġudizzju lir-rikorreni u jsaħħaħ il-linja ta' difiża tal-ACER, li l-Bord tal-Appell akkużahom, fil-punti 176 u 201 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma kinux esprimew l-oppożizzjoni tagħhom, waqt il-konsultazzjoni pubblika, għall-għażla ta' entità unika sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Ir-raba', ir-rikorreni jikkritikaw lill-Bord tal-Appell talli ċaħad b'mod żbaljat il-motiv sussidjarju tagħhom, ibbażat fuq ksur tal-Karta li jirriżulta mill-fatt li l-ACER ma kinitx iġġustifikat, fid-Deċiżjoni 02/2020, il-pożizzjoni tagħha favur entità ġuridika waħda, minflok konsorzju ta' TSO, sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. L-assenza ta' oġġettività tal-imsemmi bord f'dan ir-rigward tirriżulta mill-fatt li huwa ma eżaminax l-iffrankar ta' EUR 60 miljun, fil-qasam tal-protezzjoni soċjali, invokat mill-grupp A sabiex jiġġustifika l-għażla ta' konsorzju ta' TSO. Il-ħames, in-nuqqas ta' imparzjalità tal-Bord tal-Appell jirriżulta wkoll mill-invokazzjoni bbażata fuq fehma żbaljata, minnu, tan-natura allegatament "minn isfel għal fuq" tal-proċess regolatorju previst mir-Regolament 2019/942, sabiex id-Deċiżjoni 02/2020 tiġi eskluża minn sħarriġ ġuridiku veru.
- 157 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorreni u titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.
- 158 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 41 tal-Karta, li, skont l-Artikolu 6(1) TUE, għandha l-istess valur ġuridiku bħat-Trattati, jistabbilixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba. Dan id-dritt jimplika, skont l-Artikolu 41(1) tal-Karta, b'mod partikolari, id-dritt ta' kull persuna li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni (sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, Kerstens vs Il-Kummissjoni, T-220/20, EU:T:2021:716, punt 32).
- 159 Skont il-ġurisprudenza, l-amministrazzjoni hija marbuta, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li teżamina b'attenzjoni u b'imparzjalità l-elementi rilevanti kollha tal-kawża li jkollha quddiemha u li tiġbor il-punti kollha ta' fatt u ta' liġi neċessarji għall-eżerċizzju tas-setgħa

- diskrezzjonali tagħha kif ukoll li tiżgura l-iżvolġiment tajjeb u l-effettività tal-proċeduri li hija timplimenta (ara s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, Kerstens vs Il-Kummissjoni, T-220/20, EU:T:2021:716, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 160 Għandu jtfakkar ukoll li r-rekwiżit tal-imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni, tal-korp jew tal-organu responsabbli mill-każ ma għandu juri parzjalità jew li għandu preġudizzju personali u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu għandu joffri garanziji suffiċjenti sabiex, f'dan ir-rigward, jiġi eskluż kull dubju leġittimu (ara s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, Kerstens vs Il-Kummissjoni, T-220/20, EU:T:2021:716, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 161 Il-Bord tal-Appell ġie stabbilit, fi ħdan l-ACER, sabiex jiddeċiedi fuq il-mertu, wara li jisma' l-partijiet, dwar l-appelli ammissibbli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-ACER, f'konformità mal-Artikolu 28(4) tar-Regolament 2019/942.
- 162 Kif tippredvi l-premessa 34 tar-Regolament 2019/942, il-Bord tal-Appell jagħmel parti mill-ACER, iżda huwa indipendenti mill-istruttura amministrattiva u regolatorja tagħha.
- 163 Għal dan il-għan, l-Artikolu 26(2) tar-Regolament 2019/942 jipprovdi li l-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'indipendenza sħiħa u ma għandhom ikunu marbutin b'ebda istruzzjoni. L-eżerċizzju, minnhom, ta' funzjonijiet fi ħdan l-ACER jew il-possibbiltà li jitneħħew mill-funzjonijiet tagħhom huma rregolati b'tali mod li tiġi ggarantita l-indipendenza tagħhom.
- 164 F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ressq u l-ebda prova li l-Bord tal-Appell kien kiser il-prinċipji ta' indipendenza, ta' imparzjalità u ta' eżami diliġenti fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li, essenzjalment, ittrattat il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl tal-argumenti mqajma mill-partijiet fil-proċedura quddiemu, id-Deċiżjoni 02/2020 u l-aFRRIF ikkontestat kinux fondati u, b'mod partikolari, jekk setgħux ikunu bbażati fuq il-konstatazzjoni doppja li l-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u li, jekk, għal din il-pjattaforma, it-TSO jkollhom jagħżlu li din il-funzjoni tiġi eżegwita minn entità differenti minn dik inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-issetiljar TSO-TSO, ir-rekwiżiti addizzjonali stipulati fit-tieni sentenza tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195 iridu jiġu ssodisfatti.
- 165 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Bord tal-Appell għamel sforz, fiha, sabiex iwieġeb għall-kwistjoni dwar jekk, jew taħt liema kundizzjonijiet, fid-dawl tal-informazzjoni kkomunikata mit-TSO dwar il-proposta inizjali tal-aFRRIF matul il-fażi ta' konsultazzjoni mwettqa mill-ACER mal-ANR u mat-TSO, f'konformità mal-Artikolu 6(11) tar-Regolament 2019/942, u, b'mod partikolari, tal-proposti suċċessivi tal-aFRRIF li t-TSO kienu ssottomettewlha, l-aFRRIF finalment propost mit-TSO kienx ser ikun konformi mar-Regolament 2017/2195 u mar-Regolament (UE) 2017/1485 tal-Kummissjoni tat-2 ta' Awwissu 2017 li jstabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU 2017, L 220, p. 1) kif ukoll ma' regolamenti oħra applikabbli.
- 166 F'dan il-kuntest, mill-proċess ma jirriżultax li l-Bord tal-Appell, b'mod ġenerali, jew uħud mill-membri tiegħu, b'mod partikolari, urew xi parzjalità jew preġudizzju personali li wassalhom sabiex jevitaw l-istħarriġ tal-konformità tal-proposta tal-aFRRIF sottomessa mit-TSO mal-leġiżlazzjoni applikabbli jew li ma ddeċidewx, f'dan ir-rigward, b'indipendenza sħiħa, wara

- l-konsultazzjoni mal-ARN u mat-TSO. Bl-istess mod, mill-proċess ma jirriżultax li l-kuntest li fih il-Bord tal-Appell ħa d-deċiżjoni kkontestata ma kienx joffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż, f'dan ir-rigward, kull dubju leġittimu dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tiegħu.
- 167 L-argumenti mressqa mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali ma jikkonfutawx din il-konstatazzjoni.
- 168 Għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, il-Bord tal-Appell ma ppruvax jaħbi, fid-deċiżjoni kkontestata, aġir illegali mill-ACER li allegatament kien jikkonsisti fl-impożizzjoni fuq it-TSO, fl-aFRRIF ikkontestat, tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' funzjoni, jiġifieri l-ġestjoni tal-kapaċità, li ma kinitx meħtieġa mil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Fid-deċiżjoni kkontestata, huwa qies biss li, għall-kuntrarju ta' dak li sostnew l-appellanti quddiemu, il-ġestjoni tal-kapaċità kellha tiġi kklassifikata bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, fis-sens tal-Artikolu 21(3)(c) u (e) tar-Regolament 2017/2195, li t-teħid inkunsiderazzjoni tagħha fl-aFRRIF kien intalab ukoll mill-ARN u li barra minn hekk kien ġie inkorporat fit-tieni u fit-tielet proposti tal-aFRRIF sottomessi mit-TSO. Sussegwentement, huwa silet il-konsegwenzi kollha li rriżultaw minn dan, fl-evalwazzjoni tiegħu tal-kwistjoni dwar jekk, fid-Deċiżjoni 02/2020 tagħha u fl-aFRRIF ikkontestat, l-ACER setgħetx ġustament tikkunsidra li, fil-każ fejn it-TSO jafdaw l-eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni lil entità differenti minn dik inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u tal-issettiljar TSO-TSO, fil-kuntest tal-operat tal-pjattaforma aFRR, ir-rekwiżiti addizzjonali previsti fl-Artikolu 21(3)(c)(e) tar-Regolament 2017/2195 għandhomx jiġu osservati. Il-fatt li l-Bord tal-Appell seta' eventwalment żbalja fl-interpretazzjoni tiegħu tal-leġiżlazzjoni applikabbli, imwettqa taħt l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali, ma huwix biżżejjed sabiex jitqies li dan kien parzjali jew li huwa kien nieqes mill-indipendenza fid-deċiżjoni tiegħu.
- 169 Bl-istess mod, il-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-assenza ta' konsultazzjoni tat-TSO organizzata mill-ACER bejn id-data ta' meta rċeviet it-tielet proposta emendata tal-aFRRIF, fit-18 ta' Diċembru 2019, u l-istabbiliment tal-verżjoni finali tad-Deċiżjoni 02/2020, adottata fl-24 ta' Jannar 2020, kienet iġġustifikata mit-terminu li kien mogħti lill-ACER sabiex tieħu d-deċiżjoni tagħha, bl-ebda mod ma turi nuqqas ta' imparzjalità jew ta' indipendenza min-naħa tal-imsemmi bord. Fil-fatt, din tirrifletti biss it-teħid inkunsiderazzjoni, minnu, ta' fatt oġġettiv, jiġifieri li t-terminu ta' sitt xhur, wara li din tkun intalbet tintervjeni, li kien mogħti lill-ACER sabiex tieħu d-deċiżjoni tagħha, skont l-Artikolu 6(12) tar-Regolament 2019/942, kien jiskadi fl-24 ta' Jannar 2020.
- 170 Barra minn hekk, il-konstatazzjoni li l-Bord tal-Appell għamel fid-deċiżjoni kkontestata li, matul il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER kienet aġixxiet fi spirtu ta' kooperazzjoni u *in bona fide*, meqjus il-kuntest ristrett, b'mod partikolari f'termini ta' żmien, li fih hija kellha tieħu din id-deċiżjoni (ara l-punt 169 iktar 'il fuq), ma tiżvelax nuqqas ta' imparzjalità jew ta' indipendenza min-naħa tal-imsemmi bord, iżda t-teħid inkunsiderazzjoni, min-naħa tiegħu, ta' fatti oġġettivi li kienu jixhdu li l-ACER kienet għamlet sforzi biex tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat tat-TSOs kollha, u dan anki meta s-soluzzjonijiet mixtieqa minn dawn tal-aħħar ma kinux, f'għajnejha, ideali. Għalhekk, il-Bord tal-Appell ressaq elementi li jippermettu li jinftiehem li t-teħid inkunsiderazzjoni, mill-ACER, tad-differiment b'sentejn tal-implimentazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità u tal-ħatra tal-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tagħha juri r-rieda tiegħu li jħalli lit-TSO biżżejjed żmien biex isolvu, skont approċċ ikkoordinat u ċentralizzat fil-livell ta' pjattaformi multipli, il-proċess ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzjonali disponibbli, li kien sottostanti għall-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità.

- 171 Barra minn hekk, il-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, li, matul il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020, it-TSO ma kinux urew, matul il-fażi ta' konsultazzjoni qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-oppożizzjoni tagħhom għall-fatt li l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR kienu ser jiġu eżegwiti minn struttura b'entità waħda wkoll huwa fatt oġġettiv. Ir-rikorrenti ma ċċitaw l-ebda silta mill-osservazzjonijiet tat-TSO matul l-imsemmija fażi, b'mod partikolari mill-Anness II tad-Deċiżjoni 02/2020, li kienet tannulla tali konstatazzjoni. Is-sempliċi teħid inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, ta' fatt oġġettiv ma jurix, min-naħa tiegħu, nuqqas ta' imparzjalità jew ta' indipendenza.
- 172 Sa fejn ir-rikorrenti jikkritikaw, essenzjalment, lill-Bord tal-Appell talli ma vverifikax jekk, fid-Deċiżjoni 02/2020, l-ACER kinitx iġġustifikat l-għażla tagħha favur struttura b'entità waħda sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u ċ-ċaħda tagħha ta' struttura fil-forma ta' konsorzju, għandu jiġi kkonstatat li, kif ġustament irrileva l-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, mill-proċess ma jirriżultax li, f'xi mument partikolari, l-ACER imponiet fuq it-TSO l-obbligu li jużaw struttura b'entità waħda jew ostakolat l-użu ta' struttura li tiegħu l-forma ta' konsorzju. Fil-fatt, l-ACER siltet biss il-konsegwenzi li, fil-fehma tagħha, kienu jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti għall-għażliet magħmula mit-TSO fil-proposta inizjali tagħhom tal-aFRRIF, billi ħadet inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tal-pożizzjoni tat-TSO fid-diversi verżjonijiet suċċessivi ta' din il-proposta li huma sottomettewlha. F'dan il-kuntest, hija indikat b'mod partikolari li, jekk it-TSO jkollhom jagħżlu l-istruttura ta' konsorzju, li ma għandux personalità ġuridika, din kienet tkun struttura b'diversi entitajiet, ikkostitwiti mid-diversi TSO li jkunu membri tal-konsorzju, u mhux struttura b'entità waħda u, konsegwentement, l-imsemmija struttura kellha tkun konformi mar-rekwiżiti addizzjonali previsti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195, punt li ma jirriżultax mill-proposta inizjali tal-aFRRIF. Hija fakkret ukoll fil-pożizzjoni tagħha li dawn l-istess rekwiżiti għandhom jiġu osservati jekk it-TSO finalment jagħżlu li jafdaw id-diversi funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR lil diversi entitajiet. Għaldaqstant, dan l-argument tar-rikorrenti huwa infondat fil-fatt.
- 173 Fl-aħħar, l-argument tar-rikorrenti li, essenzjalment, il-Bord tal-Appell ivvinta l-kunċett ta' "proċess deċiżjonali minn isfel għal fuq" sabiex l-azzjonijiet tal-ACER ma jkunux suġġetti għal stħarriġ ġuridiku wkoll huwa infondat fil-fatt. Fil-fatt, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 54 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma jsostnux b'mod utli li l-kwalifikazzjoni tal-proċess deċiżjonali, mill-Bord tal-Appell, bħala "minn isfel għal fuq" kienet illegali, għar-raġuni li hija ma kienet ibbażat fuq ebda bażi legali fil-leġiżlazzjoni applikabbli.
- 174 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' indipendenza, ta' imparzjalità u ta' eżami diliġenti għandu jiġi miċħud kollu kemm huwa.
- *Fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl*
- 175 Il-grupp A jikkritika lill-Bord tal-Appell talli, fid-deċiżjoni kkontestata, ikkonferma d-deċiżjoni li tiċħad it-talba ta' żvelar, li kienet ġiet adottata bi ksur kemm tad-drittijiet mogħtija lill mill-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża tiegħu. Ir-raġunijiet għad-deċiżjoni li tiċħad it-talba ta' żvelar, kif miġbura fil-qosor fil-punti 274 sa 284 tad-deċiżjoni kkontestata, kienu li, l-ewwel, peress li ACER ma kinitx talbet trattament kunfidenzjali tal-annessi għar-risposta tagħha quddiem il-Bord tal-Appell, il-Grupp A kellu aċċess għal informazzjoni sħiħa dwar id-dokumenti skambjati bejn l-ACER u t-TSO qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020 u, it-tieni, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament

- (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331) kienu applikabbli, fin-nuqqas ta' interess pubbliku ikbar li jiġġustifika l-iżvelar, il-Grupp A ma stabbilixxiex il-ħtieġa ta' tali żvelar biex jeżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu u d-dokumenti li l-iżvelar tagħhom kien mitlub ma kinux rilevanti biżżejjed għall-argumenti li huwa kien ippreżenta quddiem il-Bord tal-Appell.
- 176 L-ewwel, il-grupp A jqis li r-rispett tad-drittijiet tiegħu ma setax jiddependi fuq id-deċiżjoni tal-ACER li tehmeż jew ma tehmizx id-dokumenti msemmija fit-talba ta' żvelar f'anness mar-risposta tagħha quddiem il-Bord tal-Appell. It-tieni, huwa jfakkar li d-dritt ta' aċċess għall-fajl previst fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta, li fuqu kienet ibbażata esklużivament it-talba ta' żvelar, huwa separat u indipendenti mid-dritt ta' aċċess għad-dokumenti previst mir-Regolament Nru 1049/2001. Skont il-ġurisprudenza, dan id-dritt ma jistax jiġi ssodisfatt minn żvelar selettiv tad-dokumenti inkwistjoni, u lanqas ma jista' jiġi evalwat fir-rigward tal-fondatezza tat-talba ta' żvelar. It-tielet, il-Bord tal-Appell kien infondat u, fi kwalunkwe każ, żbaljat meta kkritikah talli ma spjegax kif l-aċċess għad-dokumenti inkwistjoni kien neċessarju għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tiegħu. Ir-raba', l-imsemmija dokumenti kienu rilevanti quddiem il-Bord tal-Appell peress li, matul seduta, l-imsemmi bord kien għamel lill-ACER mistoqsija direttament marbuta mal-kontenut tagħhom u, fid-deċiżjoni kkontestata, huwa bbaża ruħu fuq l-imsemmi kontenut sabiex jiċċad ir-rikors tiegħu. Dan il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl allegatament influwenza l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata, għad-detriment tiegħu, b'mod partikolari fuq il-kwistjoni dwar jekk il-ġestjoni tal-kapaċità kellhiex tiġi inkluża fost il-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR u jekk il-Bord tar-Regolaturi kienx appoġġja l-pożizzjoni tal-ACER favur entità ġuridika waħda li teżegwixxi dawn il-funzjonijiet kollha.
- 177 L-ACER tikkontesta l-argumenti tal-grupp A u titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.
- 178 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li t-talba mressqa mill-grupp A fil-punt 161(d) tal-appell li huwa kien ippreżenta quddiem il-Bord tal-Appell skont l-Artikolu 28 tar-Regolament 2019/942 kienet intiża sabiex l-imsemmi bord jadotta miżura proċedurali, skont l-Artikolu 20(3)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, dwar il-produzzjoni ta' verżjonijiet kunfidenzjali tad-dokumenti kkontestati (ara l-punt 16 iktar 'il fuq), li huwa qies bħala utli għall-finijiet tal-proċedura miftuħa quddiem l-istess bord kontra d-Deċiżjoni 02/2020. Id-deċiżjoni ta' nuqqas ta' żvelar għandha għalhekk tiġi analizzata bħala deċiżjoni, adottata mill-President tal-Bord tal-Appell li kien qiegħed jaġixxi f'isem dan tal-aħħar, li tiċċad il-miżura proċedurali mitluba.
- 179 Id-dokumenti kkontestati kienu marbuta mal-proċedura leġiżlattiva, li tinvolvi t-TSO, l-ARN u l-ACER, li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020 u tal-metodoloġija tal-aFRR li kienet annessa magħha.
- 180 Minn dan isegwi li t-talba mressqa mill-grupp A lill-Bord tal-Appell la kienet talba ta' aċċess għall-fajl tal-proċedura miftuħa quddiem dan tal-aħħar, fis-sens tal-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta, u lanqas talba ta' aċċess għal dokumenti, fis-sens tal-Artikolu 42 tal-Karta u tar-Regolament Nru 1049/2001.
- 181 Fid-dawl tat-test tal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Nru 1-2011, kif emendata fil-5 ta' Ottubru 2019, li tistabbilixxi r-regoli ta' organizzazzjoni u ta' proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER u ta' applikazzjoni, b'analoġija, tal-ġurisprudenza applikabbli għat-talbiet lill-Qorti tal-Ġustizzja għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżuri istruttorji fil-kuntest ta' proċeduri miftuħa quddiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta'

Diċembru 1998, *Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni*, C-185/95 P, EU:C:1998:608, punti 90 sa 93, u tat-12 ta' Mejju 2010, *Il-Kummissjoni vs Meierhofer*, T-560/08 P, EU:T:2010:192, punt 61), għandu jiġi kkonstatat li, sabiex dan il-bord, irrappreżentat mill-President tiegħu, ikun jista' jiddetermina jekk tali produzzjoni kinitx utli għat-tmexxija tajba tal-proċeduri miftuħa quddiemu, il-Grupp A mhux biss talli kellu jidentifika, fir-rikors tiegħu d-dokumenti mitluba, iżda talli kellu wkoll jipprovdi lill-Bord tal-Appell b'ammont minimu ta' provi dwar l-utilità ta' dawn id-dokumenti għall-għanijiet ta' dik il-proċedura. Il-ħtieġa li l-miżura proċedurali mitluba tiġi adottata billi titneħħa, jekk ikun il-każ, il-kunfidenzjalità tad-dokumenti kkontestati fir-rigward tal-Grupp A kienet taqa' sussegwentement taħt l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell irrappreżentat mill-President tiegħu, fejn l-imsemmi grupp jista', jekk ikun il-każ, jikkontesta din l-evalwazzjoni fil-kuntest tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament 2019/942, kontra d-deċiżjoni adottata fi tmiem il-proċedura, jiġifieri d-deċiżjoni kkontestata, jekk huwa jqis li n-nuqqas ta' adozzjoni tal-miżura proċedurali mitluba kellu impatt fuq il-kontenut tal-imsemmija deċiżjoni.

- 182 Għalhekk, id-deċiżjoni ta' nuqqas ta' żvelar setgħet tiġi legalment adottata mill-Bord tal-Appell irrappreżentat mill-President tiegħu biss fuq il-bażi, esposta fil-punti 9 u 10 tal-imsemmija deċiżjoni u riprodotta fil-punti 281 u 282 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-grupp A naqas milli jipprovdi, insostenn tat-talba tiegħu għal miżura proċedurali, l-ammont minimu ta' elementi li setgħu jissostanzjaw l-utilità tad-dokumenti kkontestati għall-ħtiġijiet tal-proċedura inkwistjoni, kif kien neċessarju sabiex huwa jkun jista' jilqa' t-talba tiegħu.
- 183 Madankollu, il-grupp A joġġezzjona li ġġustifika l-utilità tad-dokumenti kkontestati għall-ħtiġijiet tal-proċedura miftuħa quddiem il-Bord tal-Appell fil-punti 76 u 157 tal-appell li huwa kien ippreżenta quddiem dan tal-aħħar.
- 184 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punt 76 tal-imsemmi rikors, dwar it-tielet motiv imqajjem mill-grupp A, huwa bl-ebda mod ma spjega kif il-kopja ta' eventwali evalwazzjoni mwettqa mill-ACER f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament 2017/2195 u intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk u kif it-TSO setgħu jwettqu l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji neċessarja sabiex issostni l-emenda meħtieġa mill-Artikolu 12(2) tal-metodoloġija tal-aFRR kienet allegatament neċessarja sabiex tingħata deċiżjoni dwar dan il-motiv, li kien essenzjalment intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-ACER kienet kisret l-Artikolu 10 u l-Artikolu 21(5) tar-Regolament 2017/2195, billi marret lil hinn mill-kompetenza tagħha, billi obligat lit-TSO jissottomettulha proposta għal emenda tal-metodoloġija tal-aFRR, impożizzjoni li hija ma kellhiex is-setgħa li tagħmel skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 jew tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195. Fil-fatt, kif osserva għustament il-Bord tal-Appell, irrappreżentat mill-President tiegħu, fil-punt 12 tad-deċiżjoni ta' nuqqas ta' żvelar, l-eżistenza tad-dokument li n-talab l-iżvelar tiegħu kienet irrilevanti għall-evalwazzjoni, f'dan ir-rigward, tal-kompetenza tal-ACER fid-dawl tal-leġiżlazzjoni applikabbli.
- 185 Min-naħa l-oħra, fil-punt 157 tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell, dwar is-seba' aggravju invokat fih, moqri flimkien mal-ewwel sat-tielet aggravji, il-Grupp A bl-ebda mod ma spjega kif kopja tal-eventwali formoli li fihom l-opinjoni jiet tal-Bord tar-Regolaturi u tal-ACER dwar id-Deċiżjoni 02/2020 u l-metodoloġija tal-aFRR annessa magħha, qabel l-adozzjoni tagħhom, li kienet tagħmilha possibbli, kif isostni l-Grupp A, li jkunu magħrufa l-kontenut u l-portata tad-diskussjonijiet li kienu saru fir-rigward tiegħu fi ħdan l-ACER, kienet allegatament meħtieġa sabiex tingħata deċiżjoni dwar is-seba' aggravju tal-appell, li essenzjalment kien intiż li jikkonstata li l-ACER kienet kisret kemm l-Artikoli 6(11) u 14(6) tar-Regolament 2019/942 kif

ukoll l-Artikolu 41 tal-Karta billi naqset milli tikkonsulta suffiċjentement lit-TSOs u l-ARN ikkonċernati qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 02/2020 u tal-metodoloġija tal-aFRR annessa magħha, u billi ma mmotivatx suffiċjentement din l-aħħar deċiżjoni.

- 186 Għaldaqstant, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Bord tal-Appell irrappreżentat mill-President tiegħu kien fondat li ma jilqax it-talba għall-produzzjoni tad-dokumenti kkontestati mressqa mill-Grupp A, skont l-Artikolu 20(3)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, fil-punt 161(d) tal-appell tiegħu ppreżentat quddiem dak l-istess bord.
- 187 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, l-ilment ibbażat fuq allegat ksur tad-“dritt ta' aċċess għall-fajl” għandu jiġi miċħud kollu kemm huwa.

– *Fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni*

- 188 Il-grupp A jsostni li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell kiser, f'diversi aspetti, l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqu. L-ewwel, huwa ma mmotivax b'mod suffiċjenti ċ-ċaħda tal-ilment, imqajjem fil-kuntest tas-sitt aggravju tal-appell li huwa kien ippreżenta quddiemu, ibbażat fuq ksur mill-ACER tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn, fid-Deċiżjoni 02/2020, hija kienet imponiet fuq it-TSO l-obbligu li jaħtru entità ġuridika waħda sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, inkluża l-ġestjoni tal-kapaċità, filwaqt li dan ir-rekwiżit la kien neċessarju u lanqas xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament 2017/2195. It-tieni, għall-kuntrarju ta' dak li allegat li għamel fil-punti 245 sa 262 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ma eżaminax u, *a fortiori*, ma mmotivax il-fatt li kien ċaħad l-argument prinċipali, invokat insostenn tat-tieni motiv tar-rikors ippreżentat quddiemu, li l-ACER kienet għamlet emenda fundamentali, wara t-tielet proposta emendata tal-aFRRIF imressqa mit-TSO, billi inkludiet il-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità fl-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat, li dwarha l-imsemmija TSO ma kinix ġew ikkonsultati u la ma kinitx tinsab fil-verżjoni finali tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-ACER.
- 189 L-ACER tikkontesta l-argumenti tal-grupp A u titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.
- 190 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, skont l-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta, hija l-amministrazzjoni li għandha timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha.
- 191 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkun jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li jista' jkollhom id-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att li jingħataw spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni ta' jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tagħha, iżda wkoll f'dak tal-kuntest tagħha kif ukoll f'dak tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, E-Control vs ACER, T-63/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:456, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 192 Madankollu, ma jistax jiġi meħtieġ minn Bord tal-Appell li jipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet quddiemu. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun implícita bil-kundizzjoni li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom ġiet adottata d-deċizzjoni tal-Bord tal-Appell u tagħmilha possibbli li l-qorti kompetenti jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, *E-Control vs ACER*, T-63/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:456, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 193 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, l-ewwel, hemm lok li jiġi miċħud l-ilment tal-grupp A li l-Bord tal-Appell ċaħad l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mill-ACER mingħajr ma spjega kif ir-rekwiżit ta' struttura b'entità waħda għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, inkluża l-ġestjoni tal-kapaċità, kien adegwat sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwiti. Fil-fatt, prinċipalment, il-Bord tal-Appell ċaħad li l-ACER kienet imponiet fuq it-TSO struttura b'entità waħda sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR. Sussidjarjament, hija osservat li l-ACER ma setgħetx tapprova metodoloġija tal-aFRR li ma kinitx konformi, fil-fehma tagħha, mal-leġiżlazzjoni applikabbli u li kien neċessarju u proporzjonat li hija ssemmi, fid-deċizzjoni tagħha, il-kundizzjonijiet għal tali konformità. Din il-motivazzjoni kienet suffiċjenti sabiex tippermetti li l-grupp A jifhem ir-raġunament, prinċipali u sussidjarju, li fuqu l-Bord tal-Appell kien ibbaża ċ-ċaħda, fid-deċizzjoni kkontestata, tal-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mill-ACER u sabiex jikkontestah, jekk ikun il-każ, quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, din kienet suffiċjenti sabiex tippermetti li l-Qorti Ġenerali tistħarreġ, jekk ikun il-każ, il-fondatezzaza ta' tali ċaħda. F'dan il-kuntest, il-grupp A ma jistax jikkritika lill-Bord tal-Appell talli ma rrispondiex għall-argumenti kollha li kienu ġew żviluppjati quddiemu.
- 194 It-tieni, fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-ilment li l-ACER kienet għamlet emenda fundamentali fil-kliem tal-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat, meta mqabbla mal-verżjoni finali tal-abbozz ta' deċizzjoni tal-20 ta' Diċembru 2019, billi inkludiet il-ġestjoni tal-kapaċità fiha bħala funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma tal-aFRR, mingħajr ma t-TSOs ġew ikkonsultati dwar din l-emenda, mill-kuntest li fih ġiet adottata d-Deċizzjoni 02/2020 u, b'mod partikolari, mit-tweġibiet tagħha għat-tieni u t-tielet proposti tal-aFRRIF, jirriżulta li t-TSO ma setgħux ma kinux konxji li l-ACER kienet tqis, minn naħa, li l-ġestjoni tal-kapaċità kienet funzjoni meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma tal-aFRR u, min-naħa l-oħra, li jekk il-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-operat ta' din il-pjattaforma kellhom jitwettqu minn aktar minn entità waħda, kellhom jiġu osservati r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament 2017/2195.
- 195 Għalhekk, huwa b'għarfien sħiħ tal-fatti li t-TSO rrifjutaw li jissodisfaw, fit-tielet proposta emendata tal-aFRRIF tagħhom, l-aspettattivi tal-ACER f'dan ir-rigward, sa fejn, kif jirriżulta minn dan ir-rikors, uħud minnhom ma kinux jikkondividu l-opinjoni tagħha dwar ir-rekwiżiti li allegatament irriżultaw mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-każ inkwistjoni. Huwa f'dan il-kuntest li, fid-deċizzjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell, bi tweġiba għall-ilment tal-grupp A li t-TSO ma kinux ġew ikkonsultati dwar emenda fundamentali tal-metodoloġija tal-aFRR introdotta fl-aħħar mument mill-ACER, indika li l-kwistjoni kkonċernata minn din l-emenda kienet tinsab fil-qalba tad-diskussjonijiet bejnha u t-TSO matul il-fażi ta' konsultazzjoni u li t-TSO kienu f'pożizzjoni li jiddiskutu bis-sħiħ mal-ACER dwar il-pożizzjonijiet meħuda minnha, iżda li, fid-dawl tal-limitazzjonijiet taż-żmien għas-setgħa deċizzjonali tagħha, l-ACER finalment kienet adottat l-aFRRIF ikkontestat filwaqt li indikat il-kundizzjonijiet li taħthom l-għażliet li jsiru mit-TSO fir-rigward tal-entità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità kellhom ikunu konformi mar-regoli applikabbli.

- 196 Fid-dawl tal-kuntest li fih ingħatat, din il-motivazzjoni kienet suffiċjenti, f'dan il-każ, sabiex tippermetti li l-grupp A jifhem ir-raġunijiet li għalihom, fid-deċiżjoni kkontestata, l-ilment tiegħu kien miċħud mill-Bord tal-Appell u sabiex jikkontestahom, jekk meħtieġ, quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, din kienet suffiċjenti sabiex tippermetti li l-Qorti Ġenerali tistħarreġ, jekk ikun il-każ, il-fondatezza ta' tali każda.
- 197 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni għandu jiġi miċħud kollu kemm huwa.
- *Fuq il-ksur tal-obbligu tal-Bord tal-Appell li jwettaq sħarriġ sħiħ tad-deċiżjonijiet tal-ACER*
- 198 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi, fid-deċiżjoni kkontestata, meta ma wettaqx sħarriġ sħiħ tad-Deċiżjoni 02/2020, fir-rigward tal-motiv, li huma kienu qajmu quddiemu, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolament 2017/2195 li jirriżulta mill-fatt li l-ACER kienet imponiet fuq it-TSO l-obbligu li jaħtru entità ġuridika waħda għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-pjattaforma aFRR, inkluża l-funzjoni ta' ġestjoni tal-kapaċità. Mis-sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Aquind vs ACER (T-735/18, taħt appell, EU:T:2020:542, punti 69 u 70), jirriżulta li l-Bord tal-Appell għandu jwettaq sħarriġ sħiħ tad-deċiżjonijiet tal-ACER. Issa, filwaqt li, fil-paragrafu 168 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell indika b'mod ċar li kellu jwettaq sħarriġ sħiħ fuq il-kwistjoni ta' dritt imqajma mir-rikorrenti, huwa, fil-prattika u f'konformità mal-prassi deċiżjonali tiegħu, wettaq sħarriġ ristrett, kif jirriżulta min-nota ta' qieġh il-paġna 81 ta' din l-istess deċiżjoni. Fil-prattika, l-ACER ma wrietx li l-Bord tal-Appell kien wettaq, fid-deċiżjoni kkontestata, sħarriġ sħiħ tad-Deċiżjoni 02/2020.
- 199 L-ACER tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti u titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.
- 200 Huwa minnu li, kif jirrivewaw ir-rikorrenti, il-kontenut tan-nota ta' qieġh il-paġna 81 tad-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll dak tal-punt 192 tal-imsemmija deċiżjoni, jagħtu x'jifhem li l-Bord tal-Appell, f'konformità mal-prassi deċiżjonali tiegħu ta' dak iż-żmien, wettaq sħarriġ sħiħ biss dwar l-evalwazzjonijiet legali tal-ACER fid-Deċiżjoni 02/2020 tagħha, iżda li huwa llimita ruħu li jwettaq biss sħarriġ limitat, għat-tfittxija ta' żbalji manifesti, dwar l-evalwazzjonijiet fattwali kumplessi tagħha, ta' natura teknika, billi rrikonoxxa, f'dan ir-rigward, ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-ACER.
- 201 Issa, b'mod partikolari mill-punt 69 tas-sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Aquind vs ACER (T-735/18, taħt appell, EU:T:2020:542), jirriżulta li l-istħarriġ imwettaq mill-Bord tal-Appell tal-evalwazzjonijiet ta' natura teknika u ekonomika kumplessi li jinsabu f'deċiżjoni tal-ACER ma għandux ikun limitat għall-istħarriġ limitat tal-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Għall-kuntrarju, billi jibbaża ruħu fuq il-perizja xjentifika tal-membri tiegħu, l-imsemmi bord għandu jeżamina jekk l-argumenti mressqa mir-rikorrenti jistgħux juru li l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tal-ACER humiex ivvizzjati bi żbalji.
- 202 Għalhekk, kif jenfasizzaw għustament ir-rikorrenti, il-Bord tal-Appell kien obligat iwettaq, fid-deċiżjoni kkontestata, sħarriġ sħiħ tad-Deċiżjoni 02/2020.
- 203 Madankollu, minn eżami bir-reqqa tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, fiha, il-Bord tal-Appell essenzjalment wettaq l-istħarriġ tiegħu fuq l-evalwazzjonijiet legali mwettqa mill-ACER fid-Deċiżjoni 02/2020, li fir-rigward tagħhom huwa wettaq sħarriġ sħiħ.

204 Barra minn hekk, fil-każijiet rari fejn, bħal fil-punt 192 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa ntablab jistħarreġ evalwazzjonijiet ta' natura teknika kumplessi, il-Bord tal-Appell, fil-prattika, wettaq stħarriġ li jmur lil hinn minn sempliċi stħarriġ ristrett, sabiex b'hekk, *de facto*, dan tal-aħħar ikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu fir-rigward tal-intensità tal-istħarriġ li huwa kellu jwettaq dwar id-Deċiżjoni 02/2020. Fil-fatt, fil-paragrafu inkwistjoni, il-Bord tal-Appell, wara li rrileva li din kienet evalwazzjoni ta' natura teknika kumplessa li għaliha l-ACER kienet tibbenefika minn marġni ta' diskrezzjoni, madankollu vverifika jekk din setgħetx għustament tikkonkludi li l-proċess ta' aġġornament kontinwu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transzonalni disponibbli, f'forma ċentralizzata jew deċentralizzata, kien funzjoni meħtieġa, fuq il-livell tekniku, għall-operat tal-pjattaforma aFRR.

205 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu tal-Bord tal-Appell li jwettaq stħarriġ sħiħ tad-deċiżjonijiet tal-ACER għandu jiġi miċħud kollu kemm huwa.

– *Fuq żball ta' interpretazzjoni u eżami insuffiċjenti, mill-Bord tal-Appell, tal-motivi mqajma quddiemu*

206 Il-grupp A jikkritika lill-Bord tal-Appell bi żball ta' interpretazzjoni u eżami insuffiċjenti, fid-deċiżjoni kkontestata, tal-motivi li huwa kien qajjem quddiemu. L-ewwel, il-Bord tal-Appell eżamina l-appell li huwa kien ippreżenta quddiemu mingħajr ma fehem il-portata u s-suġġett ta' dan l-appell. B'hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Bord tal-Appell fil-punti 76, 141 u 181 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa kkontesta l-fatti msemmija fil-premessi 67 sa 77 tad-Deċiżjoni 02/2020 u ppreżenta appell kontra l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 4(6) tal-aFRRIF ikkontestat. Barra minn hekk, fil-paragrafi 67 sa 77 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ma esponiex il-fatti, iżda għabar fil-qosor il-pożizzjoni tal-ACER. Fir-rigward tal-iżbalji tal-Bord tal-Appell li għew ikkorreġuti b'rettifika inkluża fil-proċess ta' din il-kawża, ir-rikorrenti kkontestaw, permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Bord tal-Appell u inklużi fil-proċess ta' din il-kawża, li dawn kienu sempliċi żbalji tal-kitba, pjuttost milli fuq il-mertu. It-tieni, il-grupp A jikkritika lill-Bord tal-Appell talli ma silitx il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-eżami tat-tielet aggravju li huwa kien qajjem quddiemu. Fil-fatt, sa fejn dan kien ikkonstata li l-obbligu previst fl-Artikolu 12(2) tal-aFRRIF ikkontestat kien ġie impost mill-ACER u ma kienx jirriżulta direttament mir-Regolament 2017/2195, huwa kellu jilqa' dan l-aggravju jew, fin-nuqqas ta' dan, jesponi r-raġunijiet li għalihom, minkejja l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, l-ACER ma kinitx marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza tagħha.

207 L-ACER tikkontesta l-argumenti tal-grupp A u titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

208 Fir-rigward tal-kritika tal-Grupp A li l-Bord tal-Appell ma fehemx il-portata u s-suġġett tal-appell li huwa kien ippreżenta quddiemu, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, fid-deċiżjoni kkontestata, l-imsemmi Bord wettaq ċerti żbalji jew nuqqasijiet.

209 Fl-ewwel lok, huwa minnu u, barra minn hekk, l-ACER tirrikonoxxi dan, fil-punt 219 tar-risposta, li l-Bord tal-Appell kien indika b'mod żbaljat, fil-punti 141 u 181 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-grupp A ma kienx ikkontesta, quddiemu, il-legalità tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 4(6) tal-aFRRIF ikkontestat.

210 Fit-tieni lok, huwa minnu li l-Bord tal-Appell indika, preliminarjament, fil-punt 76 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-grupp A ma kienx ikkontesta quddiemu, il-“fatti li jinsabu fil-[premessi] 67 [sa] 77 tad-[Deċiżjoni 02/2020]” [traduzzjoni mhux uffiċjali], fatt li kien skomdu, sa fejn, f'dawn

il-premessi, il-preżentazzjoni ta' informazzjoni purament fattwali kienet imħallta ma' dik tal-interpretazzjoni legali tal-leġiżlazzjoni applikabbli mill-ACER, li ma kinitx kondiviża mill-grupp A.

- 211 Madankollu, indipendentement mir-rettifika li saret fil-21 ta' Diċembru 2020, wara l-preżentata u, għalhekk, fid-dawl ta' dan ir-rikors, punt li ġie ddenunzjat mir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li huma la jallegaw u lanqas, *a fortiori*, ma juru li dawn l-iżbalji fil-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li sussegwentement ġew ikkorreġuti, kellhom impatt fuq id-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjoni, u għalhekk ma jistgħux jiġġustifikaw l-annullament ta' din tal-aħħar.
- 212 Fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-kritiki indirizzati kontra l-premessi 67 sa 77 tad-Deċiżjoni 02/2020, għandu jiġi rrilevat li, fihom, il-Bord tal-Appell indika b'mod ċar li l-interpretazzjoni legali tal-leġiżlazzjoni applikabbli li kienet esposta kienet dik tal-ACER u li din ma kinitx kondiviża mir-rikorrenti, biex b'hekk l-ilment ifformulat mill-grupp A huwa infondat fil-fatti.
- 213 Fir-rigward tal-kritika tal-Grupp A li l-Bord tal-Appell ma silitx il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tiegħu tat-tielet aggravju li huwa kien qajjem quddiemu, din il-kritika hija bbażata fuq argument li diġà ġie miċħud fil-punt 168 iktar 'il fuq. Għall-istess raġunijiet, l-imsemmija kritika għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- 214 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li l-ilment ibbażat fuq żball ta' interpretazzjoni u fuq eżami insuffiċjenti mill-Bord tal-Appell tal-motivi mqajma quddiemu, it-tielet motiv u, konsegwentement, dan ir-rikors fl-intier tiegħu jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

- 215 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu l-kawża, għandhom jiġu kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal dawk sostnuti mill-ACER, kif mitlub minn din tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Austrian Power Grid AG u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.

Papasavvas

Tomljenović

Škvařilová-Pelzl

Nömm

Kukovec

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Frar 2023.

Firem

¹ – Fl-okkjo ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għal-ewwel darba